

Rapport Speċjali

L-akkwist pubbliku fl-UE

Inqas kompetizzjoni għal kuntratti aġġudikati għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi fl-10 snin li jippreċedu l-2021



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - IX
Introduzzjoni	01 - 17
L-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea	01 - 04
Il-qafas legali tal-UE għall-akkwist pubbliku	05 - 10
Rwoli u responsabbiltajiet fil-livell tal-UE u l-livell nazzjonali	11 - 12
Tenders Electronic Daily (TED)	13 - 15
Ir-rapporti tal-pajjiż tal-Istati Membri u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-Kummissjoni	16 - 17
Ambitu u approċċ tal-awditjar	18 - 29
Osservazzjonijiet	30 - 107
Inqas kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku skont indikaturi ewlenin matul l-aħħar 10 snin	30 - 46
Għadd akbar ta' aġġudikazzjonijiet diretti f'diversi Stati Membri	31 - 34
Is-sehem ta' proċeduri b'offerti uniċi kważi rdoppja fl-aħħar 10 snin	35 - 40
L-akkwist dirett transfruntier jirrappreżenta madwar 5 % tal-aġġudikazzjonijiet ta' kuntratti kollha	41 - 44
Il-prezzijiet tax-xogħlijiet, l-oġġetti u s-servizzi akkwistati taħt kuntratti ta' akkwist pubbliku ma jiġux immonitorjati	45 - 46
L-oġġettivi ewlenin tar-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi għadhom ma ntlaħqux: is-simplifikazzjoni, l-aċċess tal-SMEs u l-akkwist strateġiku	47 - 66
Mil-lat amministrattiv, l-akkwist pubbliku ma sarx aktar faċli	48 - 56
Is-sehem ta' kuntratti aġġudikati lill-SMEs ma żdiedx b'mod ġenerali	57 - 58
Il-biċċa l-kbira mill-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri jimplimentaw akkwist strateġiku sa livell limitat ħafna	59 - 61
L-integrità u t-trasparenza għadhom sfida	62 - 64
Bilanċ delikat bejn il-kompetizzjoni u l-oġġettivi tar-riforma tal-2014	65 - 66

Nuqqasijiet fil-monitoraġġ, li twettaq il-Kummissjoni, tal-akkwist pubbliku fl-UE 67 - 81

Ir-rapporti nazzjonali ta' monitoraġġ ma għandhomx informazzjoni dwar is-sitwazzjoni kompetittiva fl-Istati Membri jew fis-setturi ekonomiċi 68 - 70

Id-*data* TED għadha mhix suffiċjentement kompluta u preċiża 71 - 75

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kummissjoni ma tipprovdi x ħarsa komprensiva u robusta tal-istat tal-akkwist pubbliku 76 - 81

Azzjonijiet limitati meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-ostakli għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku 82 - 107

Fil-livell tal-UE, tnaqqis tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku ma jitteħidx inkunsiderazzjoni biżżejjed 83 - 89

Nuqqas ta' attenzjoni mogħtija fil-livell nazzjonali lill-kawżi bażi tal-kompetizzjoni limitata 90 - 91

Matul l-awditu ġew identifikati diversi fatturi li għandhom impatt fuq il-kompetizzjoni 92 - 100

Azzjonijiet ta' mitigazzjoni mifruxa biex inaqqsu l-ostakli għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku 101 - 107

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 108 - 120

Annessi

Anness I – Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni

Anness II – Metodoloġija tal-analiżi tad-*data*

Anness III – Dashboard dwar l-Akkwist Pubbliku tal-QEA– Gwida għall-utent

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I Madwar EUR 2 triljun, jew 14 % tal-prodott domestiku gross tal-UE, jintefqu kull sena fuq l-akkwist pubbliku. L-akkwist pubbliku huwa element ewlieni tas-suq intern, kemm minn perspettiva ekonomika kif ukoll minn dik tal-integrazzjoni, u jgħin lill-awtoritajiet pubbliċi jiksbu l-aħjar valur għall-flus meta jixtru xogħlijiet, oġġetti u servizzi. Il-qafas legali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jinkludi diversi direttivi, li minnhom tnejn għaddew minn riforma u waħda ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-2014.

II Bir-riforma tal-2014, l-għan tal-leġiżlaturi kien li l-akkwist isir aktar flessibbli, bi proċeduri simplifikati, jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għal kuntratti pubbliċi, u jiġi ffaċilitat użu aktar strateġiku tal-akkwist pubbliku biex jitwasslu eżiti aħjar. Ir-riforma tal-2014 kellha wkoll l-għan li terġa' ssaħħaħ ir-rekwiżiti ta' trasparenza u ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar l-integrità biex tgħin fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u tal-frodi.

III L-awditu li wettaqna vvaluta l-livell ta' kompetizzjoni għall-akkwisti pubbliċi fis-suq uniku tal-UE fuq perjodu ta' 10 snin u l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakli għall-offerta kompetittiva, fl-interess li jiksbu l-aħjar valur għall-flus. Għall-analiżi dwar kif evolva l-livell ta' kompetizzjoni matul iż-żmien, u jekk ir-riforma tal-2014 kellhiex impatt fuq il-livelli ta' kompetizzjoni u jekk l-oġġettivi l-oħra tar-riforma ntlewqux, użajna *data* miftuħa disponibbli dwar l-akkwist pubbliku fl-UE fl-10 snin li jippreċedu l-2021. Biex inwettqu l-analiżi tad-*data* tagħna, żviluppajna dashboard interattiva, li hija disponibbli għall-pubbliku u tippermetti analiżi ulterjuri tad-*data* li nġabret għall-awditu li wettaqna.

IV Wettaqna dan l-awditu biex nipprovdu fehim approfondit u sensibilizzazzjoni tal-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku ħames snin wara d-*data* ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist fil-liġi nazzjonali. Permezz tar-rakkomandazzjonijiet tagħna, għandna l-għan li nikkontribwixxu għal titjib li jista' jgħin lill-awtoritajiet kontraenti fl-Istati Membri jiksbu l-aħjar valur għal fondi pubbliċi.

V B'mod ġenerali, nikkonkludu li l-livell ta' kompetizzjoni għal kuntratti pubbliċi għat-twassil ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi, naqas matul l-aħħar 10 snin fis-suq uniku tal-UE. Hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kompetizzjoni bħala rekwiżit għal akkwisti b'valur għall-flus. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma għamlux użu sistematiku mid-*data* disponibbli biex jidentifikaw il-kawżi bażi tal-kompetizzjoni limitata, iżda ħadu biss azzjonijiet mifruxa biex inaqqsu l-ostakli għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.

VI L-analiżi li wettaqna tad-*data* disponibbli tindika żieda sinifikanti fl-offerti uniċi b'mod ġenerali, livell għoli ta' aġġudikazzjonijiet ta' kuntratti diretti u livell limitat ta' akkwist transfruntier dirett bejn l-Istati Membri. Billi diversi objettivi tar-riforma tal-2014 għadhom ma ntlehqux, aħna nikkonkludu li d-dħul fis-seħħ tad-direttivi tal-2014 ma kellu l-ebda effett dimostrabbli. Għall-kuntrarju, l-offerenti u l-awtoritajiet kontraenti huma tal-fehma li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku għadhom jagħtu lok għal piż amministrattiv sinifikanti, is-sehem tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku ma żdiedx sinifikattivament u aspetti strateġiċi (eż. ambjentali, soċjali u innovattivi) rari jiġu meqjusa fl-offerti pubbliċi. Barra minn hekk, billi r-rati ta' pubblikazzjoni għadhom baxxi, it-trasparenza, salvagwardja ewlenija kontra r-riskju ta' frodi u ta' korruzzjoni, hija milquta negattivament. Nosservaw ukoll li xi objettivi tar-riforma tal-2014 jistgħu xi kultant imorru kontra l-objettiv globali li tiġi żgurata l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.

VII L-awditu li wettaqna identifika wkoll il-ħtieġa li l-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ li twettaq fuq l-akkwist pubbliku: il-kompletezza tad-*data* miġbura fuq il-kuntratti aġġudikati għadha dgħajfa u mhux id-*data* kollha hija preċiża. Hemm nuqqasijiet fl-għodod ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni li jillimitaw l-hom l-effettività u t-trasparenza.

VIII Fl-aħħar nett, l-analiżi li wettaqna turi li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri ma jagħtux biżżejjed attenzjoni lill-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. L-inizjattivi biex tiġi analizzata d-*data* dwar l-akkwist pubbliku u jiġu identifikati raġunijiet possibbli għat-tnaqqis fil-livell ta' kompetizzjoni huma rari u ftit hemm sensibilizzazzjoni dwar il-problema fil-livell tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Minkejja li fl-2017 il-Kummissjoni nediet strateġija dwar l-akkwist pubbliku, minn dakinhar 'il hawn hija ħadet biss ftit azzjonijiet biex teżamina jew tindirizza l-kawżi tat-tnaqqis fil-kompetizzjoni fl-offerti pubbliċi.

IX Għal dawn ir-raġunijiet, nappellaw lill-Kummissjoni biex:

- tikkjarifika u tagħti prijorità lill-objettivi tal-akkwist pubbliku;
- tagħlaq id-distakk fid-*data* miġbura dwar l-akkwist pubbliku;
- ittejjeb l-għodod ta' monitoraġġ tagħha biex tippermetti analiżi aħjar; u
- tapprofondixxi l-analiżi tal-kawża bażi u tressaq miżuri biex tegħleb l-ostakli ewlenin għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.

Introduzzjoni

L-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea

01 L-akkwist pubbliku jirreferi għall-proċess li permezz tiegħu korpi pubbliċi jakkwistaw xogħlijiet, oġġetti u servizzi mingħand fornituri permezz ta' proċedura miftuħa u kompetittiva sabiex jiksbu kwalità u valur għall-flus. Kull sena, fuq dawn l-akkwisti jintefqu xi EUR 2 triljun. Dan jikkorrispondi għal madwar 14 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tas-27 Stat Membru tal-UE¹, minn issa 'l quddiem l-“EU-27”. L-akkwist pubbliku huwa għalhekk wieħed mill-muturi prinċipali tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi.

02 Il-ksib tal-aħjar valur għall-flus fl-akkwist ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi huwa objettiv ewlieni tal-akkwist pubbliku. Il-kompetizzjoni, jiġifieri ammont suffiċjenti ta' fornituri fis-suq u parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, hija prerekwiżit biex jintlaħaq dan l-għan.

03 Fis-suq uniku tal-UE, jenħtieġ li l-kuntratti pubbliċi jingħataw lill-aqwa offerta, irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tal-kumpanija li titfa' l-offerta. L-Artikolu 26 tat-Trattat ta' Ruma jgħid illi s-suq intern għandu jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha huwa żgurat il-moviment liberu ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital. L-għażla tal-kumpaniji bl-aqwa prestazzjoni tikkontribwixxi biex is-swieq ikunu kompetittivi u tissalvagwardja l-interess pubbliku.

04 Ir-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-UE, għalhekk, tista' tkun mutur tal-ekonomija, tista' ssaħħaħ l-integrazzjoni Ewropea, iżżid il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, u ssaħħaħ il-konformità mal-prinċipji tat-trasparenza, it-trattament indaqs, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku, il-proporzjonalità, u l-effiċjenza, u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' frodi u ta' korruzzjoni.

¹ Is-sit web ta' DG GROW dwar l-akkwist pubbliku (kif disponibbli f'Ġunju 2023).

Il-qafas legali tal-UE għall-akkwist pubbliku

Id-direttivi dwar l-akkwist pubbliku

05 Il-qafas legali tal-UE għall-akkwist pubbliku għandu l-għan li jiżgura li, meta jiġu aġġudikati l-kuntratti, jiġu applikat sett armonizzat ta' regoli u ta' proċeduri. Il-qafas jinkludi diversi direttivi. Żewġ direttivi għaddew minn riforma fl-2014:

- o id-Direttiva 2014/24/UE li tiddefinixxi regoli ġeneralment applikabbli dwar l-akkwist pubbliku;
- o id-Direttiva 2014/25/UE dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali.

Fl-istess sena, ġiet introdotta d-Direttiva 2014/23/UE dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.

06 Il-proċess ta' akkwist pubbliku jista' jiġi deskritt f'ħames stadji (ara l-Figura 1).

Figura 1 – Il-proċess ta' akkwist pubbliku



Sors: il-QEA.

Kuntratti oġġla mis-sollijiet tal-UE u inqas minnhom

07 It-tliet direttivi japplikaw direttament għall-offerti li jkollhom valur tal-kuntratt li jaqbeż ammont speċifiku. Mill-1 ta' Jannar 2022 'il hawn, is-sollijiet prinċipali kienu:

- o EUR 5 382 000 għal xogħlijiet publiċi;

- o EUR 140 000 għal kuntratti tal-gvern ċentrali;
- o EUR 215 000 għal kuntratti tal-gvern lokali u reġjonali;
- o EUR 750 000 għal kuntratti soċjali u kuntratti ta' servizzi speċifiċi oħra.

08 Taħt dawn is-sollijiet, japplikaw ir-regoli nazzjonali. Madankollu, dawn ir-regoli nazzjonali jridu jkunu konformi wkoll mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-direttivi.


Ir-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi

09 L-għan tar-riforma tad-direttivi tal-2014 kien li l-akkwist isir aktar flessibbli, bi proċeduri simplifikati, u b'hekk jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-kuntratti pubbliċi, u jiġi ffaċilitat użu aktar strateġiku tal-akkwist pubbliku biex jinkisbu riżultati aħjar għall-oġettivi tas-soċjetà u oġettivi oħra tal-politika pubblika. Ir-riforma tal-2014 kellha wkoll l-għan li terġa' ssaħħaħ ir-rekwiżiti ta' trasparenza u ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar l-integrità biex tgħin tipprevieni l-korruzzjoni u l-frodi².

10 L-Istati Membri tal-UE (28 dak iż-żmien) kellhom jittrasponu d-direttivi tal-2014 fil-liġi nazzjonali sa April 2016. Madankollu, il-maġġoranza damu biex għamlu hekk. Erba' Stati Membri (l-Awstrija, il-Lussemburgu, il-Portugall u Spanja) damu sal-2018 biex il-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar l-akkwist pubbliku jġibuhom konformi mad-Direttiva 2014/24/UE, u kien hemm biss li l-bidliet fl-aħħar daħlu fis-seħħ fis-suq uniku (ara l-[Figura 2](#)).

² COM(2017) 0572 "Nagħmlu l-Akkwist Pubbliku jaħdem fl-Ewropa u għaliha", p. 3.

Figura 2 – Traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24 skont l-Istat Membru (2015-2018)



Sors: il-QEA.

Rwoli u responsabbiltajiet fil-livell tal-UE u l-livell nazzjonali

11 Aktar minn 250 000³ awtorità kontraenti jwettqu proċeduri ta' akkwist fis-suq uniku tal-UE. Dawn l-awtoritajiet huma korpi pubbliċi (kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali jew lokali), iżda wkoll atturi mhux pubbliċi li joperaw f'kundizzjonijiet speċifiċi u mhux kompetittivi. Kull Stat Membru għandu mill-inqas korp pubbliku wieħed li huwa responsabbli mis-superviżjoni tal-akkwist pubbliku.

12 Fi ħdan il-Kummissjoni, żewġ Direttorati Ġenerali jikkondividu r-responsabbiltà mill-politiki dwar l-akkwist pubbliku u l-implimentazzjoni tad-direttivi min-naħa tal-Istati Membri:

- id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (DG GROW), li huwa inkarigat kemm bil-politika dwar l-akkwist pubbliku kif ukoll bil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-direttivi rilevanti tal-UE mill-Istati Membri;
- l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea⁴ li jopera kemm is-sistema [Tenders Electronic Daily](#) (TED) kif ukoll is-siti web tas-sejħa għall-offerti elettronika u l-eNotices⁵.

Tenders Electronic Daily (TED)

13 Is-sejħa kollha għal offerti u avviżi ta' aġġudikazzjoni ta' kuntratt għall-akkwisti b'valur ogħla mis-soll applikabbli tal-UE jridu jiġu ppubblikati fit-TED ħalli l-fornituri potenzjali jiġu nnotifikati b'opportunitajiet ta' akkwist li jmiss. F'din is-sistema l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw ukoll proċeduri li jaqgħu taħt is-soll.

14 Fl-2020, skont l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, ġew ippubblikati aktar minn 640 000 avviż fit-TED. Huwa stmat li dawn l-avviżi kienu relatati mal-226 000 proċedura ta' akkwist u kellhom valur ta' madwar EUR 800 biljun. Mill-2016 'il hawn, dawn l-avviżi huma disponibbli għall-pubbliku bħala *data* miftuħa⁶.

³ Is-sit web ta' DG GROW dwar l-akkwist pubbliku.

⁴ Is-sit web tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

⁵ Il-paġna ewlenija tas-sit web TED.

⁶ Settijiet tad-*data* TED fuq data.europa.eu.

15 Kull meta l-awtoritajiet kontraenti jużaw pjattaformi oħra għall-akkwist pubbliku biex jippubblikaw avviżi dwar kuntratt, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li d-*data* kollha għall-proċeduri oġħla mis-sollijiet tiġi trasferita fit-TED (skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2014/24/UE).

Ir-rapporti tal-pajjiż tal-Istati Membri u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-Kummissjoni

16 Apparti t-TED, il-Kummissjoni għandha żewġ strumenti oħra biex timmonitorja l-istat tal-akkwist pubbliku fl-UE: l-ewwel nett, l-Istati Membri huma meħtieġa⁷ jippreżentaw rapporti ta' monitoraġġ tal-pajjiż triennali lill-Kummissjoni (ara l-paragrafi 68-70) u t-tieni, il-Kummissjoni għandha *Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku* ("it-Tabella ta' Valutazzjoni").

17 It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha taqsima dedikata li tipprovdi *data* dwar l-akkwist pubbliku fl-UE fil-forma ta' 12-il indikatur, li huma diżaggregati skont il-pajjiż. Minn dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni tqis it-tlieta li ġejjin bħala partikolarment rilevanti, u sa Jannar 2023, kienet ittihom ponderazzjoni trippla biex tikkalkula indikatur kompost kumplessiv (ara l-*Anness I*):

- ir-rata għall-indikatur "l-ebda sejħa għal offerti", li tkejjel is-sehem tal-kuntratti mogħtija lil kumpaniji b'segwitu għal proċedura nnegożjata fin-nuqqas ta' sejħa għal offerti (imsejħa wkoll "aġġudikazzjoni diretta");
- ir-rata għall-indikatur "offerti uniċi", li tkejjel il-proporzjon ta' kuntratti mogħtija li għalihom kien hemm biss offerent wieħed;
- ir-"rata tal-pubblikazzjoni", li tkejjel il-valur tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku reklamati fuq TED bħala proporzjon tal-PDG nazzjonali.

⁷ Id-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikoli 83 u 85.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

18 L-awditu li wettaqna vvaluta l-livell ta' kompetizzjoni għall-akkwisti pubbliċi fis-suq uniku tal-UE fuq perjodu ta' 10 snin u l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jidentifikaw u jindirizzaw ostakli għall-offerta kompetittiva, fl-interess li jiksibu l-aħjar valur għall-flus. B'mod partikolari, aħna eżaminajna:

- kif il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku fis-suq intern tal-UE, fi ħdan l-Istati Membri u r-reġjuni, u f'setturi speċifiċi, evolviet bejn l-2011 u l-2021, u jekk ir-riforma tal-2014 kellhiex xi impatt f'dan ir-rigward;
- jekk l-oġettivi l-oħra tar-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku intlaħqux;
- jekk il-monitoraġġ li twettaq il-Kummissjoni fuq l-istat tal-akkwist pubbliku fl-UE huwiex effettiv;
- jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri analizzawx id-*data* disponibbli biex jidentifikaw il-kawżi bażi għat-telfa fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku u jekk ħadux azzjoni biex ireġġgħu lura din ix-xejra.

19 L-awditu li wettaqna jkopri l-perjodu 2011-2021. Permezz tiegħu stajna neżaminaw jekk it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-2014 fil-liġi nazzjonali kellhiex effett fuq l-istat tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri differenti. Id-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku relatat mad-difiża u s-sigurtà ma kinitx taqa' fi ħdan l-ambitu tal-awditu li wettaqna, billi ma kinitx koperta taħt ir-riforma tal-2014.

20 Fl-awditu li wettaqna, iffukajna, f'konformità mal-kunċett tagħna ta' kompetizzjoni (ara l-paragrafu **02**) fuq it-tliet indikaturi b'ponderazzjoni trippla fit-Tabella ta' Valutazzjoni (ara l-paragrafu **17**), billi jidentifikaw il-livell ta' kompetizzjoni limitata, jew saħansitra ineżistenti, u li għalhekk huma aċċettati b'mod ġenerali li qed jissenjalaw imġiba tas-suq ineffiċjenti li tippreżenta riskju għall-akkwist "bl-aħjar valur għall-flus", u b'hekk l-użu effiċjenti ta' fondi pubbliċi. Huma jistgħu jissenjalaw ukoll Prattika korrotta, bħat-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta biex jiffavorixxu ċerti kumpaniji.

21 Bħala parti minn xogħolna, ikkumpilajna sett ta' *data* komprensiv dwar l-akkwist pubbliku fis-suq uniku tal-UE. Dan ikopri l-EU-27, flimkien ma' żewġ pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (jiġifieri l-Iżlanda u n-Norveġja), u r-Renju Unit (saż-żmien tal-ħruġ tiegħu mill-UE fl-2021). Huwa bbażat fuq *data* TED kif ippreżentata mill-Kummissjoni

fuq is-sit web data.europa.eu u kkomplementat minn aktar *data* miftuħa dettaljata dwar l-akkwist pubbliku (minn fuq [Opentender.eu](https://opentender.eu)). Hija tippermetti l-analiżi tax-xejriet, billi tkopri perjodu ta' 11-il sena (mill-2011 sal-2021). Minħabba n-natura speċifika tal-kuntratti ta' konċessjoni, ma ttiħdux inkunsiderazzjoni għall-analiżi tax-xejriet. Id-*data* miġbura mis-sistemi nazzjonali tal-akkwist tvarja minn Stat Membru għal ieħor u għalhekk ma tippermettix tqabbil xieraq. Tali *data*, kif ukoll id-*data* TED għal proċeduri li jaqgħu taħt is-sollijiet tal-UE, ma ġewx inklużi fis-sett ta' *data* tagħna.

22 Imbagħad analizzajna *data* b'kooperazzjoni ma' xjentisti tad-*data* esterni speċjalizzati fl-akkwist pubbliku. L-[Annex II](#) jipprovdi aktar dettalji dwar l-approċċ u l-metodoloġija tagħna. Minħabba valuri neqsin, u sabiex nippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri, l-analiżi tad-*data* li saret kienet ibbażata fuq l-għadd ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku, u mhux fuq il-valur monetarju tagħhom.

23 Biex inwettqu l-analiżi tad-*data*, żviluppajna dashboard interattiva (id-[Dashboard tal-QEA dwar l-Akkwist Pubbliku](#)⁸). Din l-għodda hija disponibbli għall-pubbliku⁸ u tippermetti lil dawk interessati biex ikomplu janalizzaw id-*data* miġbura għall-awditu li wettaqna, skont l-Istat Membru, ir-reġjun (il-livell NUTS 2, li hija l-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika) u s-settur ekonomiku. L-[Annex III](#) fih l-istruzzjonijiet għall-użu ta' din l-għodda.

24 Wettaqna s'tħarriġ u intervisti biex nikkomplementaw l-informazzjoni kwantitattiva miksuba mill-analiżi tad-*data* li wettaqna b'informazzjoni kwalitattiva, biex niksbu fehim aħjar tal-fehmiet tal-Istati Membri dwar l-istat tal-akkwist pubbliku u l-kawżi bażi tal-kompetizzjoni limitata fl-akkwist pubbliku f'pajjiżhom, kif ukoll ta' kwalunkwe azzjoni mitiganti meħuda mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

25 L-istħarriġ intbagħat lil madwar 400 kuntatt f'awtoritajiet li jittrattaw kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku fl-UE-27, li wħud minnhom kienu maħtura mill-Istati Membri biex jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku. L-istħarriġ kien jinkludi domandi dwar:

- l-istat tal-akkwist pubbliku f'pajjiżhom ippreżentat fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku;
- l-isfidi għall-akkwist pubbliku kompetittiv fil-pajjiżi tagħhom;
- il-kooperazzjoni tagħhom mal-Kummissjoni;

⁸ https://public.tableau.com/app/profile/gti1940/viz/eca_dashboard/Story.

- o problemi speċifiċi fl-akkwist pubbliku f'pajjiżhom.

26 Wettaqna intervisti approfonditi ma' rappreżentanti ta' korpi superviżorji f'sitt Stati Membri: il-Kroazja, id-Danimarka, il-Greċja, l-Ungerija, il-Lussemburgu u l-Polonja. Is-sitt Stati Membri ġew magħżula abbażi tal-analiżi tad-*data* u tar-riżultati tal-istħarriġ sabiex jirrappreżentaw diversi prestazzjonijiet.

27 Irrieżaminajna wkoll il-leġiżlazzjoni attwali, il-komunikazzjonijiet u l-gwida tal-Kummissjoni, il-letteratura akkademika, studji u dokumenti ta' politika.

28 Fl-aħħar nett, organizzajna panel ta' diskussjoni ma' esperti fl-akkwist pubbliku mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, id-dinja akkademika, u organizzazzjonijiet tan-negozji u kumpaniji ta' konsulenza biex niksbru l-fehma tagħhom dwar l-istat tal-akkwist pubbliku fl-UE.

29 Wettaqna dan l-awditu biex nipprovdu fehim approfondit u sensibilizzazzjoni tal-livell ta' kompetizzjoni milħuq fl-akkwist pubbliku f'ames snin wara d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist fil-liġi nazzjonali. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna huma maħsuba biex jikkontribwixxu għal titjib li jista' jgħin lill-awtoritajiet kontraenti fl-Istati Membri jiksbru l-aħjar valur għal fondi pubbliċi fl-akkwisti pubbliċi tagħhom.

Osservazzjonijiet

Inqas kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku skont indikaturi ewlenin matul l-aħħar 10 snin

30 Wettaqna analiżi approfondita tad-*data* rrappurtata mill-Istati Membri fit-TED, biex nivvalutaw kif il-livell ta' kompetizzjoni għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi evolva, kemm fis-suq uniku tal-UE kif ukoll f'kull Stat Membru tal-EU-27 matul il-perjodu 2011-2021. B'mod partikolari, ħloqna serje kronoloġika għal tliet indikaturi ewlenin għall-kejl tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku ("l-ebda sejħa għall-offerti, "offerent waħdieni", u l-"għadd ta' offerenti"), ibbażata fuq id-*data* kollha kkodifikata fit-TED għal proċeduri li jaqbżu s-sollijiet (ara l-[Anness II](#)). Ħarisna wkoll lejn id-differenzi reġjonali u settorjali. Eżaminajna kif l-akkwist dirett transfruntier evolva maż-żmien, billi dan huwa fattur rilevanti ieħor. Fl-aħħar nett, ivverifikajna kif evolwew il-prezzijiet għax-xogħlijiet, l-oġġetti u s-servizzi akkwistati mill-awtoritajiet pubbliċi, billi żidiet fil-prezz li jkunu oġġla mir-rata ta' inflazzjoni fil-prezzijiet tal-konsumaturi jistgħu jindikaw ukoll kompetizzjoni dgħajfa.

Għadd akbar ta' aġġudikazzjonijiet diretti f'diversi Stati Membri


31 Aġġudikazzjoni diretta tfisser li awtorità pubblika ma tippubblikax sejħa għal offerta iżda tawvicina kumpanija jew tnejn direttament, u titlobhom jippreżentaw offerta. Din titkejjel mill-indikatur "L-ebda sejħa għal offerti". Fih innifsu, dan l-approċċ jillimita l-kompetizzjoni. Jekk tiġi avviċinata kumpanija waħda biss, ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni.

32 Skont id-direttivi tal-UE dwar l-akkwist, tali approċċ huwa permess biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali⁹, eż. każijiet fejn ma ġiet sottomessa l-ebda offerta jew l-ebda offerta adatta b'rispons għal proċedura miftuħa jew ristretta; għal raġunijiet ta' urġenza estrema; fejn il-kuntratt ikun qed isegwi kompetizzjoni tad-disinn; għal xogħlijiet ġodda li jirrepetu xogħlijiet simili taħt l-istess kundizzjonijiet.

⁹ Id-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 32.

33 FI-2021, l-indikatur “l-ebda sejħa għal offerti” kien jirrappreżenta madwar 15.8 % tal-proċeduri ta’ akkwist kollha fis-suq intern tal-UE rrappurtati mill-Istati Membri fit-TED. L-analiżi li wettaqna kienet turi wkoll li r-rata tal-aġġudikazzjonijiet diretti tvarja minn Stat Membru għal ieħor. FI-2021, ir-rati medji ta’ aġġudikazzjonijiet diretti kienet tvarja minn 3.1 % (il-Greċja) għal 42.3 % (Ċipru), u dan jindika li hemm differenzi sinifikanti fil-prattiki tal-akkwist pubbliku tal-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri. Xi Stati Membri kienu naqsu l-użu ta’ aġġudikazzjonijiet diretti matul il-perjodu li jkun qed jiġi eżaminat (eż. il-Ġermanja), l-użu ta’ oħrajn baqa’ stabbli (eż. l-Irlanda), filwaqt li oħrajn kienu żiedu l-użu tagħhom b’mod sinifikanti (eż. Ċipru). Fit-Tabella ta’ Valutazzjoni, rata għall-indikatur “l-ebda sejħa għal offerti” ogħla minn 10 % hija meqjusa bħala allarm aħmar, u fl-2021 il-maġġoranza tal-Istati Membri (23 minn 27) kienu qegħdin f’din is-sitwazzjoni (ara l-[Figura 3](#)).

Figura 3 – L-ebda sejħa għal offerti – sehem skont l-Istat Membru (2011 u 2021)




*Id-data għall-Kroazja hija disponibbli fiż-żmien tal-adeżjoni tagħha fl-2013.

Sors: it-tab "Prattiki għas-sejħiet għall-offerti" tad-Dashboard tal-QEA.

34 Sibna wkoll eteroġeneità konsiderevoli fis-setturi ekonomiċi fir-rigward tas-sehem tal-akkwist aġġudikat direttament u l-evoluzzjoni tar-rata ta' aġġudikazzjoni diretta matul iż-żmien (ara l-**Figura 4**). Pereżempju, fuq il-perjodu kopert ta' 11-il sena, kien hemm għadd dejjem jonqos ta' aġġudikazzjonijiet diretti għal servizzi finanzjarji, filwaqt li fl-2021 is-settur tal-enerġija wera l-oġġla għadd. Dan juri l-fatt li l-approċċ tal-awtoritajiet kontraenti għall-aġġudikazzjoni diretta ta' kuntratti, fin-nuqqas ta' kwalunkwe kompetizzjoni, ivarja sinifikattivament fis-setturi ekonomiċi, u li dan jinbidel ukoll matul iż-żmien.

Figura 4 – L-ebda sejħa għal offerti – sehem skont is-settur magħżul (2011 sa 2021)




Sors: it-tab "Prattiki għas-sejħiet għall-offerti" tad-Dashboard tal-QEA.

Is-sehem ta' proċeduri b'offerti uniċi kważi rdoppja fl-aħħar 10 snin

35 Offerta unika tfisser li kumpanija waħda biss turi interess u tissottometti offerta għal akkwist pubbliku partikolari. F'dawn is-sitwazzjonijiet, billi ma jkunx hemm kompetizzjoni, l-awtorità kontraenti jew taċċetta l-unika offerta riċevuta jew twaqqaf il-proċedura.

36 Matul il-perjodu 2011-2021, ir-rata ta' offerta unika fis-suq intern tal-UE żdiedet sinifikattivament minn 23.5 % (2011) għal 41.8 % (2021) tal-proċeduri kollha. Fl-istess ħin, l-għadd ta' offerenti għal kull proċedura kważi naqas bin-nofs, u b'hekk naqas minn medja ta' 5.7 offerent għal 3.2 offerent kull proċedura (ara l-**Figura 5**).


Figura 5 – Rata ta' offerti uniċi u l-għadd medju ta' offerenti (2011 u 2021)



Sors: it-tab "Indikaturi tal-kompetizzjoni" tad-Dashboard tal-QEA.

37 Osservajna wkoll differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri: ix-xejra tal-offerti uniċi żdiedet l-aktar fl-Awstrija, fid-Danimarka, fil-Greċja, fin-Netherlands u fis-Slovenja. L-uniċi Stati Membri fejn naqsu l-offerti uniċi kienu l-Kroazja, b'segwitu għall-adeżjoni tagħha mal-UE u d-dħul fis-suq uniku, Malta u s-Slovenja. Bl-istess mod, id-*data* turi differenzi sinifikanti fil-livell kumplessiv ta' offerti uniċi. Fi tmiem l-2021, is-sehem ta' offerti uniċi kien inqas minn 20 % tal-proċeduri kollha fi tliet Stati Membri biss (il-Finlandja, Malta u l-Lżvezja), filwaqt li l-livelli f'Ċipru, il-Polonja u s-Slovenja qabżu l-50 %. 20 % huwa s-soll ta' allarm aħmar fit-Tabella ta' Valutazzjoni (ara l-**Figura 6**).

Figura 6 – Offerti uniċi – sehem skont l-Istat Membru (2011 u 2021)



*Id-data għall-Kroazja hija disponibbli fiż-żmien tal-adeżjoni tagħha fl-2013.

Sors: it-tab "Indikaturi tal-kompetizzjoni" tad-Dashboard tal-QEA.



38 Identifikajna wkoll differenzi sinifikanti fil-livell ta' offerti uniċi bejn ir-reġjuni u s-setturi ekonomiċi. Il-**Kaxxa 1** tagħti eżempji ta' differenzi reġjonali bħal dawn.

Kaxxa 1

Differenzi reġjonali fil-livelli ta' kompetizzjoni: eżempji minn erba' Stati Membri matul il-perjodu 2011-2021


IL-GREĊJA

Ir-reġjun tal-Peloponnese għandu l-ogħla rata ta' offerti uniċi kemm fil-Greċja kif ukoll fl-UE (66.5 % tal-offerti kollha).






IL-POLONJA

Ir-reġjun ta' **Lodz** għandu rata ta' offerti uniċi sinifikattivament aktar baxxa minn ta' nħawi oħra fil-pajjiż.




L-UNGERIJA

It-Transdanubju Ċentrali għandu rata ta' offerti uniċi ta' 29.1 %, filwaqt li r-reġjun tat-Transdanubju tan-Nofsinhar għandu rata ta' 45.6 %.



IL-BELĠJU


Ir-rata ta' offerti uniċi hija kważi d-doppju fil-**provinċji tal-Wallonia u ta' Brussell Kapitali** meta mqabbla mal-Flanders.



Sors: it-tab "Kompetizzjoni fil-Pajjiż" tad-Dashboard tal-QEA. Sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

39 Wettaqna wkoll analiżi ta' setturi ekonomiċi speċifiċi: kostruzzjoni, enerġija, inġinerija, servizzi finanzjarji, servizzi tas-saħħa, tagħmir mediku, tiswijiet, servizzi ta' dranaġġ, tagħmir tat-trasport u servizzi tat-trasport. Għalkemm sibna żieda sinifikanti fl-offerti uniċi fis-setturi ekonomiċi kollha, is-settur tal-kostruzzjoni ta' prestazzjoni aqwa mill-oħrajn b'livell kumplessiv aktar baxx ta' offerti uniċi u żieda b'pass inqas mgħaġġel matul iż-żmien. Bi tqabbil ma' dan, is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi u t-tagħmir tat-trasport huma s-suġġett ta' rati ta' offerti uniċi oġġla u li kulma ma jmur qed jizjeddu (ara l-**Figura 7**).

Figura 7 – Offerti uniċi – sehem skont is-settur magħżul (2011 sa 2021)



Sors: it-tab "Indikaturi tal-kompetizzjoni" tad-Dashboard tal-QEA.

40 B'mod ġenerali, l-analiżi li wettaqna ta' *data* fuq offerti uniċi tindika li l-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku fis-suq uniku ilu jonqos mill-2011 'il hawn. Barra minn hekk, il-livell ta' aġġudikazzjonijiet diretti għadu għoli fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri. Dan juri li d-dħul fis-seħħ tad-direttivi tal-2014 ma kellu l-ebda effett dimostrabbli fuq il-livell ta' offerti uniċi u l-aġġudikazzjonijiet diretti.


L-akkwist dirett transfruntier jirrappreżenta madwar 5 % tal-aġġudikazzjonijiet ta' kuntratti kollha

41 Tħassib persistenti wieħed kien il-volum limitat ta' akkwist pubbliku transfruntier dirett, li għalhekk ftit kellu impatt fuq l-integrazzjoni ekonomika. Qabel it-twaqqif tas-suq uniku fi tmiem l-1992, il-kuntratti diretti transfruntiera li l-awtoritajiet kontraenti kienu jaġġudikaw lil kumpaniji li kienu jinsabu barra mill-Istat Membru tagħhom stess kienu jirrappreżentaw madwar 2 %¹⁰ tal-kuntratti ta' akkwist kollha. Dan is-sehem baqa' stabbli matul il-perjodu 2011-2021, għal medja ta' madwar 5 % tal-kuntratti pubbliċi.

42 Għal darba oħra, id-*data* tindika differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi. Matul il-perjodu 2011-2021, l-awtoritajiet kontraenti fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, inklużi l-akbar Stati Membri kollha, aġġudikaw inqas minn 5 % tal-kuntratti tagħhom għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi lil kumpaniji li jinsabu barra mill-pajjiż. Tliet pajjiżi biss aġġudikaw aktar minn 10 % tal-akkwist akkumulat tagħhom fuq l-istess perjodu 2011-2021 lil kumpaniji li jinsabu barra mill-pajjiż: il-Lussemburgu bi kważi 30 %, l-Irlanda bi 15 %, u l-Belġju b'madwar 10 % (ara l-**Figura 8**).

¹⁰ Il-Parlament Ewropew [Skedi informattivi dwar il-kuntratti ta' akkwist pubbliku](#).

Figura 8 – Skambji transfruntiera diretti medji fl-Istati Membri tal-UE (2011 sal-2021)



Sors: il-QEA.

43 L-iskambji transfruntiera jistgħu jsiru wkoll indirettament permezz ta' konsorzju ta' sħab minn Stati Membri differenti, jew mis-sussidjarji lokali ta' kumpaniji barranin. Pereżempju, kumpanji kbar tal-UE¹¹ fis-setturi finanzjarji, tal-enerġija u tal-kostruzzjoni għandhom sussidjarji fil-biċċa l-kbira jew saħansitra fl-Istati Membri kollha.

¹¹ Statista: [Market capitalization of leading companies on Euronext stock exchange](https://www.statista.com), fi Frar 2023 (statista.com).

44 Studju mwettaq mill-Kummissjoni¹² dwar il-penetrazzjoni transfruntiera matul il-perjodu 2016-2019 sab li l-aġġudikazzjonijiet transfruntiera indiretti kienu jirrappreżentaw madwar 20 % tal-proċeduri kollha għal kuntratti b'valur taħt il-EUR 200 miljun filwaqt li l-aġġudikazzjonijiet transfruntiera diretti kienu jirrappreżentaw madwar 2.4 %. Fil-każ ta' kuntratti oġġla minn EUR 200 miljun¹³, l-aġġudikazzjonijiet transfruntiera indiretti rrappreżentaw madwar 28 % tal-proċeduri kollha, u l-aġġudikazzjonijiet transfruntiera diretti rrappreżentaw 6 %. Madankollu, minħabba li d-*data* TED ma tippermettix li jiġu identifikati l-aġġudikazzjonijiet transfruntieri indiretti (prinċipalment minħabba li m'hemmx identifikatur uniku għal operaturi ekonomiċi), ma nistgħux inwettqu l-analiżi tagħna stess biex nikkonfermaw dawn iċ-ċifri.

Il-prezzijiet tax-xogħlijiet, l-oġġetti u s-servizzi akkwistati taħt kuntratti ta' akkwist pubbliku ma jiġux immonitorjati

45 Kwalunkwe tnaqqis fil-kompetizzjoni dejjem iġorr ir-riskju ta' żieda fil-prezzijiet. Madankollu, sal-2020, l-inflazzjoni fis-suq uniku kienet baqgħet stabbli, taħt 2 %, u żdiedet biss reċentement¹⁴.

46 Minkejja dan, m'hemm l-ebda *data* speċifika dwar il-prezzijiet għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi pubbliċi. La l-Eurostat u lanqas id-DĠ GROW ma jimmonitorjaw il-prezzijiet tal-akkwist pubbliku fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, l-impatt tal-bidliet fil-livell ta' kompetizzjoni fil-prezzijiet u l-kost tan-nuqqas ta' kompetizzjoni ma jistgħux jiġu vvalutati.

L-oġġettivi ewlenin tar-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi għadhom ma ntlaħqux: is-simplifikazzjoni, l-aċċess tal-SMEs u l-akkwist strateġiku

47 Ir-riforma tal-2014 kienet maħsuba biex ikun hemm għadd kbir ta' bidliet fil-mod kif l-awtoritajiet kontraenti jmexxu l-akkwist. Aħna ħarisna lejn tliet aspetti partikolari biex naraw jekk l-oġġettivi kinux intlaħqu saż-żmien meta wettaqna l-awditu tagħna: is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist, aċċess aktar faċli għall-Intrapriżi Żgħira u ta'

¹² Il-Kummissjoni, [study on the measurement of cross-border penetration in the EU public procurement market](#).

¹³ *Ibid.*

¹⁴ DĠ GROW [webpage on inflation](#).

Daqs Medju (SMEs) u l-użu tal-akkwist strateġiku. Biex nagħmlu dan, eżaminajna s-sett ta' *data* tagħna dwar l-akkwist pubbliku matul il-perjodu 2011-2021 u ksibna evidenza permezz tal-istħarriġ u l-intervisti li wettaqna.

Mil-lat amministrattiv, l-akkwist pubbliku ma sarx aktar faċli


It-tul tal-proċeduri amministrattivi żdied bin-nofs mill-2011 'il hawn

48 Il-piż amministrattiv tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku ġeneralment jiġi pperċepit bħala tqil, kemm mill-offerenti kif ukoll mill-awtoritajiet kontraenti. Aktar min-nofs ir-rispondenti għall-istħarriġ tagħna wkoll indikaw il-proċeduri amministrattivi twal bħala deterrent ewlieni għan-negozji li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku.

49 Il-persuni li intervistajna indikaw li l-proċeduri huma kkumplikati żżejjed u inqas flessibbli mill-akkwist fis-settur privat, u li ma saret l-ebda simplifikazzjoni sinifikanti li setgħet għamlet il-kuntratti pubbliċi aktar attraenti għall-kumpaniji.

50 L-analiżi li wettaqna tad-*data* wriet li l-proċeduri attwali għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti jieħdu sinifikattivament aktar żmien milli kienu jieħdu 10 snin ilu. B'mod partikolari, il-perjodu kumplessiv ta' teħid ta' deċiżjoni saż-żmien tal-aġġudikazzjoni tal-kuntratt li ma jinkludix proċeduri ta' appell kontra deċiżjonijiet ta' aġġudikazzjoni żdied minn 62.5 ġurnata fl-2011 għal 96.4 ġurnata fl-2021. Id-dħul fis-seħħ tad-direttivi tal-2014 ma qassarx din id-durata (ara l-[Figura 9](#)).

Figura 9 – Il-perjodu ta' teħid ta' deċiżjoni saż-żmien tal-aġġudikazzjoni tal-kuntratt (2011 u 2021)



Sors: it-tab "Prattiki għas-sejthiet għall-offerti" tad-Dashboard tal-QEA.

L-impatt tad-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist u l-Formuli elettroniċi għadu jrid jidher

51 Id-direttivi tal-2014 żiedu l-ambitu għall-awtodikjarazzjoni, u dan jippermetti lill-offerenti u lill-awtoritajiet kontraenti jikkonfermaw li ċerti kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati, inaqqasilhom l-piż amministrattiv tagħhom u jħaffef il-proċeduri tal-aġġudikazzjoni tal-kuntratt.

52 Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku (DEAU), li ġie introdott mid-Direttiva 2014/24/UE, jipprovdi qafas għall-amministrazzjoni ta' awtodikjarazzjonijiet fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla (ara l-[Kaxxa 2](#)).

Kaxxa 2

Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku

L-awtoritajiet kontraenti jridu jiddefinixxu l-kriterji għall-għażla ta' kumpaniji (eż. l-abbiltà li jipprovdu servizz, l-istatus finanzjarju, it-taxxi mħallsa kompletament, l-ebda kundanna kriminali eċċ) u jelenkaw il-kriterji ta' esklużjoni fid-DEAU għall-proċedura ta' akkwist pubbliku tagħhom, u jikkondividuhom online ma' offerenti potenzjali.

L-offerenti potenzjali jistgħu jikkonfermaw, fid-DEAU, li jissodisfaw il-kriterji, iżda ma għandhomx bżonn jehmżu evidenza ta' appoġġ. Din l-evidenza hija mitluba biss mingħand offerenti rebbieħa.

53 Rapport dwar id-DEAU li kien ħareġ f'Mejju 2017¹⁵ qal li, filwaqt li l-użu tiegħu kellu xi impatt pożittiv, l-implimentazzjoni u l-adozzjoni tiegħu baqgħu limitati f'ħafna Stati Membri. Fiż-żmien meta sar ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-post, ma kien hemm disponibbli la r-rapport li jagħti segwitu għall-użu tad-DEAU mill-2017 'il hawn u lanqas statistika aġġornata dwar l-użu attwali tad-DEAU.

54 Inizjalment, il-Kummissjoni pprovdiet servizz ta' DEAU biex tappoġġa l-adozzjoni tad-DEAU. Is-servizz intemm f'Mejju 2019, malli l-Istati Membri kollha kienu stabbilew is-servizz tagħhom stess.

¹⁵ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-applikazzjoni Prattika tad-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist.

55 Mezzi oħra ta' simplifikazzjoni huma d-diġitalizzazzjoni ta' proċeduri għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u l-istandardizzazzjoni ta' formuli għall-akkwist pubbliku permezz ta' mezzi elettroniċi. Ir-riforma tal-2014 kienet tipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu formuli standard. L-ewwel regolament ta' implimentazzjoni ta' dan it-tip ġie adottat fl-2015, u fl-2019 il-Kummissjoni adottat ir-regolament ta' implimentazzjoni tal-formuli elettronici¹⁶, li jagħti dettalji dwar l-implimentazzjoni Prattika tar-rekwiżiti ta' trasparenza u ta' publikazzjoni. Huwa jikkostitwixxi inizjattiva ewlenija tad-diġitalizzazzjoni li tirrikjedi l-użu ta' formuli elettroniċi u standards u terminoloġija komuni biex tittejjeb il-kwalità tad-*data* li l-awtoritajiet kontraenti jikkodifikaw fit-TED, sabiex iżid l-aċċess tal-fornitur potenzjali għall-akkwist pubbliku.

56 Madankollu, l-implimentazzjoni tal-formuli elettroniċi kienet għadha għaddejja fiż-żmien tal-awditu tagħna, billi nbdiet biss f'Novembru 2022 u kellha tibqa' fakultattiva sa Ottubru 2023. Fil-frattemp, il-portal TED jaċċetta u juri kemm l-avviżi attwali TED kif ukoll l-avviżi ta' formuli elettroniċi ġodda. Mill-432 250 avviż ippubblikati fl-ewwel 6 xhur wara l-introduzzjoni tar-Regolament dwar il-formuli elettroniċi, 374 biss kienu formuli elettroniċi. Dan jista' jkun parzjalment dovut għall-fatt li r-regolament ġie emendat f'Diċembru 2022, xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, li seta' qata' qalb l-utenti milli jużaw il-verżjoni li kienet disponibbli dak iż-żmien u ġegħilhom jiddeċiedu li jistennew xi emendi ulterjuri.

Is-sehem ta' kuntratti aġġudikati lill-SMEs ma żdiedx b'mod ġenerali


57 Parteċipazzjoni oġġla ta' SMEs fl-akkwist pubbliku kien objettiv importanti ieħor tar-riforma tad-direttivi tal-2014, li kienet tinkludi dispożizzjonijiet immirati biex ikun jista' jsir tqassim f'lottijiet. L-użu ta' lottijiet għandu l-potenzjal li jżid il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku u, billi jwessa' l-għadd ta' fornituri potenzjali, jista' jżid ukoll il-kompetizzjoni.

58 Fl-analiżi li wettaqna tad-*data* użajna żewġ indikaturi biex inkejlu l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku: il-kuntratturi tal-SMEs u l-offerti tal-SMEs. Id-*data* għall-Istati Membri kollha hija disponibbli mill-2016 'il quddiem biss. B'mod ġenerali, id-*data* ma turix żieda kumplessiva fil-parteċipazzjoni tal-SMEs (kuntratturi tal-SMEs u

¹⁶ Il-Kummissjoni, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1780 tat-23 ta' Settembru 2019 li jstabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 (Formuli Elettroniċi).

I-offerti tal-SMEs), iżda s-sitwazzjoni hija differenti minn Stat Membru għal ieħor. Pereżempju, l-Awstrija u l-Litwanja raw żieda fl-għadd ta' SMEs parteċipanti, filwaqt li l-Iżvezja u l-Finlandja raw tnaqqis, mentri fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri l-għadd baqa' ġeneralment stabbli (ara l-[Figura 10](#)).

Figura 10 – Parteċipazzjoni tal-SME – sehem ta' kuntratturi u offerti (2016 sa 2021)



Noti: id-data ma kinitx disponibbli b'mod sodisfaċenti għar-Rumanija.


Sors: it-tab "Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni" tad-Dashboard tal-QEA.

Il-biċċa l-kbira mill-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri jimplimentaw akkwist strateġiku sa livell limitat ħafna

59 Objettiv ewlieni ieħor tar-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi kien li jkun hemm kunsiderazzjoni akbar tal-aspetti ambjentali, soċjali u innovattivi fl-akkwist ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi. Dan ġeneralment jissejjaħ akkwist strateġiku. Fil-prattika, dan ifisser li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jmorru lil hinn mill-kriterju tal-irħas prezz u jimmiraw għall-“aktar offerta ekonomikament vantaġġuża” (MEAT). Biex jagħmlu dan, l-awtoritajiet kontraenti jeħtiġilhom jispeċifikaw kriterji tal-għażla u tekniċi li se jipproduċu l-eżitu intenzjonat mingħajr ma jillimitaw b'mod artifiċjali l-kompetizzjoni.

60 L-analiżi li wettaqna tad-*data* wriet, madankollu, li s-sehem ta' kuntratti aġġudikati favur l-aktar offerta baxxa għadu jirrappreżenta l-biċċa l-kbira mill-aġġudikazzjonijiet kollha fl-Istati Membri kollha. Fl-2021, kien hemm tmien Stati Membri fejn il-livell ta' aġġudikazzjoni favur l-aktar offerta baxxa saħansitra qabeż it-80 %, li huwa mmarkat bl-aħmar fit-Tabella ta' Valutazzjoni (ara l-[Figura 11](#)). It-Tabella ta' Valutazzjoni ma għandha l-ebda indikatur speċifiku ieħor għall-kejl tal-akkwist strateġiku (ara l-paragrafu [76](#)).

Figura 11 – Sehem ta' aġġudikazzjoni ta' kuntratti bbażati fuq l-aktar offerta baxxa (2011 u 2021)



Sors: it-tab "Prattiki għas-sejħiet għall-offerti" tad-Dashboard tal-QEA.

61 Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, l-okkorrenza ta' dan il-kriterju għall-aġġudikazzjoni bbażat fuq l-aktar prezz baxx saħansitra żdiedet matul il-perjodu taħt rieżami, li jindika li, fl-aħjar ipoteżi, il-promozzjoni ta' akkwisti strateġiċi kellha impatt limitat (ara l-[Figura 11](#)).

L-integrità u t-trasparenza għadhom sfida

62 Billi l-akkwist pubbliku jinvolvi ammonti kbar ta' fondi pubbliċi, hemm ir-riskju ta' frodi u korruzzjoni. It-trasparenza fl-akkwist pubbliku hija għalhekk kruċjali mhux biss biex tippermetti l-monitoraġġ u l-kontroll ta' proċessi u deċiżjonijiet iżda wkoll biex tiżgura li min jieħu d-deċiżjonijiet jinżamm responsabbli. Hija tikkontribwixxi wkoll għal akkwist pubbliku miftuħ u b'hekk għall-kompetizzjoni. L-għadd kbir ta' awtoritajiet kontraenti ta' spiss żgħar, l-aktar fil-livell reġjonali jew lokali, jirrappreżenta sfida konsiderevoli biex jiġu żgurati l-integrità u t-trasparenza. Dan huwa partikolarment il-każ billi kuntratti pubbliċi żgħar ta' spiss jiġu aġġudikati direttament.

63 Fit-Tabella ta' Valutazzjoni, it-trasparenza titkejjel f'termini tar-rata ta' pubblikazzjoni ta' kull Stat Membru, li tikkorrispondi għall-valur tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku reklamati fuq it-TED bħala proporzjon tal-prodott domestiku gross. Rata ta' pubblikazzjoni ogħla tindika li aktar proċeduri ta' akkwist twettqu b'mod kompetittiv, kif ukoll trasparenza akbar.

64 Madankollu, id-*data* turi¹⁷ li, matul il-perjodu 2011-2021, aktar minn nofs l-Istati Membri tal-EU-27 kellhom rata ta' pubblikazzjoni konsistentement mhux sodisfaċenti taħt il-5 %, jiġifieri l-valur ta' allarm aħmar muri fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni, u l-analiżi tax-xejra li wettaqna ma turi l-ebda titjib matul iż-żmien. Ir-riżultati tal-istħarriġ juru wkoll nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dimostrabbli dwar il-problema, u li aktar minn 43 % tar-rispondenti mhumiex qed jimmonitorjaw dan l-indikatur.

Bilanċ delikat bejn il-kompetizzjoni u l-oġġettivi tar-riforma tal-2014

65 Ir-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi kienet tinkludi sett ta' oġġettivi. Għalkemm dawn huma interkonnessi u maħsuba biex ikunu komplementari biex itejbu b'mod ġenerali l-prestazzjoni tal-akkwist pubbliku, ma għandhomx l-għan espliċitu li, u kultant anke jnaqqsu, il-kompetizzjoni Pereżempju, l-iżvantaġġ ta' ċerti miżuri ta'

¹⁷ it-tab "Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni" tad-Dashboard tal-QEA.

simplifikazzjoni, b'hall-possibbiltà akbar ta' aġġudikazzjonijiet diretti, huwa li l-għadd ta' offerenti potenzjali, u b'hekk il-kompetizzjoni, huwa ristrett mill-bidu.

66 Eżempju ieħor hija d-diviżjoni tal-kuntratti f'lottijiet iżgħar, li minn naħa waħda, iżżid iċ-ċans li jipparteċipaw xi SMEs, iżda, min-naħa l-oħra, tista' tnaqqas il-kompetizzjoni fi swieq iddominati minn kumpaniji kbar.

Nuqqasijiet fil-monitoraġġ, li twettaq il-Kummissjoni, tal-akkwist pubbliku fl-UE

67 Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-superviżjoni tal-funzjonament effettiv tas-suq uniku tal-UE. L-akkwist pubbliku huwa parti ewlieni ta' dan. Għalhekk aħna eżaminajna l-għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni biex timmonitorja l-istat tal-akkwist pubbliku.

- o Ir-rapporti ta' monitoraġġ tal-pajjiż: irrieżaminajna r-rapporti ta' monitoraġġ tal-pajjiż tas-sitt Stati Membri fil-kampjun tagħna;
- o it-Tenders Electronic Daily (TED): eżaminajna l-kompletezza u l-preċiżjoni tad-*data* kkodifikata mill-awtoritajiet kontraenti fit-TED;
- o it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku dwar l-akkwist pubbliku: irrieżaminajna t-tfassil tat-Tabella ta' Valutazzjoni.

Ir-rapporti nazzjonali ta' monitoraġġ ma għandhomx informazzjoni dwar is-sitwazzjoni kompetittiva fl-Istati Membri jew fis-setturi ekonomiċi

68 Taħt id-direttivi tal-2014, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri jeħtiġilhom jimmonitorjaw l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, u r-riżultati ta' din l-attività jridu jiġu ppubblikati kull tliet snin u mibgħuta lill-Kummissjoni f'rapport dwar il-monitoraġġ. L-għan huwa li tiġi kkompilata *data* li tippermetti evalwazzjoni u kontroll aktar robust tal-politika dwar l-akkwist pubbliku.

69 Il-Kummissjoni rċeviet sett inizjali ta' rapporti bejn l-2018 u l-2021 (tliet snin wara li l-Istati Membri kellhom jinkorporaw id-direttivi fil-liġi nazzjonali)¹⁸. Dawn ġew sussegwentement ippubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, u l-informazzjoni ntużat

¹⁸ DG GROW, [webpage on country reports and information on EU countries](#).

bħala input għar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u l-aħjar prattiki tal-politiki tal-akkwist nazzjonali fis-suq intern, li ġie ppubblikat f'Mejju 2021¹⁹.


70 Sibna li r-rapport tal-Kummissjoni kien fih biss deskrizzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-UE u ma fih l-ebda informazzjoni speċifika jew dettaljata, la dwar is-sitwazzjoni kompetittiva fl-Istati Membri jew fis-setturi ekonomiċi, u lanqas il-punt sa fejn intlaħqu l-oġettivi strateġiċi tar-riforma tal-2014. Skont il-Kummissjoni, dan kien dovut għall-informazzjoni kwantitattiva limitata li pprovdew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli fir-rapporti ta' monitoraġġ tagħhom. Sibna wkoll li r-rapporti tal-pajjiż tal-Istati Membri dwar l-akkwist pubbliku ma kinux uniformi fil-mod li bih irrappurtaw id-*data*.

Id-*data* TED għadha mhix suffiċjentement kompluta u preċiża

Il-valuri neqsin għadhom problema

71 L-analiżi li wettaqna wriet li l-kompletezza tad-*data* għadha problema kbira għat-TED, minkejja titjib sostanzjali mill-2011 'il hawn. Attwalment, f'madwar 30 % tal-kuntratti hemm valuri neqsin, ċifra li b'mod ġenerali ma nbidlitx mill-2017 'il hawn (ara l-[Figura 12](#)).

Figura 12 – L-evoluzzjoni tal-valuri neqsin fid-*data* TED



Sors: il-QEA.

¹⁹ Ir-rapport tal-Kummissjoni “L-implimentazzjoni u l-aħjar prattiki tal-politiki tal-akkwist nazzjonali fis-Suq Intern”.

72 Il-valuri l-aktar spiss neqsin huma n-numru ta' reġistrazzjoni nazzjonali ('il fuq minn 86 % tal-proċeduri) u l-valur stmat tal-aġġudikazzjoni ('il fuq minn 63 % tal-proċeduri) (ara l-**Figura 13**). Skont id-dispożizzjonijiet tad-direttivi dwar l-akkwist u r-regolamenti ta' implimentazzjoni, l-awtoritajiet kontraenti mhumiex meħtieġa jimlew dawn it-taqsimiet. Sibna wkoll li *data* rilevanti oħra ma tingabrax, bħal pereżempju dwar l-għadd, it-tul u l-eżitu tal-proċeduri ta' appell biex jiġu kkontestati deċiżjonijiet ta' aġġudikazzjoni. Din id-*data* hija rilevanti għall-analiżi tal-akkwist pubbliku.

Figura 13 – L-oqsma prinċipali tat-TED milquta minn valuri neqsin matul il-perjodu 2011-2021

	Numru ta' reġistrazzjoni nazzjonali	Valur stmat tal-aġġudikazzjoni	Titolu tal-proċedura	Valur tal-aġġudikazzjoni	Indirizz tal-offertant rebbieħ	Għadd ta' offerti riċevuti	Valur tal-avviż	Kodiċi tal-pajjiż tal-offertant rebbieħ	Data tal-aġġudikazzjoni	Isem l-offertant rebbieħ	Kriterji għall-aġġudikazzjoni
	86.3 %	63.6 %	34.6 %	32.8 %	32.3 %	24.9 %	23.7 %	23.2 %	19.0 %	16.8 %	9.7 %
10 %											
20 %											
30 %											
40 %											
50 %											
60 %											
70 %											
80 %											
90 %											
100 %											
	Mhux oqsma obbligatorji					Oqsma obbligatorji					

Sors: il-QEA.

Mhux id-*data* TED kollha hija preċiża

73 L-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri huma responsabbli mill-preċiżjoni u l-kompletezza tad-*data* dwar l-akkwist li tiddaħħal fit-TED. Meta ħarisna lejn il-perjodu 2011-2021 sħiħ, sibna li l-preċiżjoni tad-*data* kienet tjiebet maż-żmien, notevolment wara l-introduzzjoni ta' regoli ta' validazzjoni fit-TED li japplikaw meta jiġu pproċessati formuli tal-input. Pereżempju, il-listi li jinżlu ta' affarijiet predefiniti, minflok kamp ta' test liberu, tejbu l-konsistenza tad-*data* (eż. billi jimpedixxu l-input ta' kodiċi NUTS li ma jaqbilx mal-isem tal-pajjiż imniżżel) u ġew miżjuda messaġġi ta' avviż biex jimpedixxu inputs mhux korretti. Il-kwalità tista' tkompli tittejjeb kemm permezz ta' kontrolli aktar inkorporati kif ukoll bil-ġestjoni tad-*data* ewlenija mad-dħul tagħha, li jnaqqas ukoll il-piż amministrattiv minn fuq l-utenti.

74 Madankollu, l-analiżi li wettaqna wriet ukoll li l-valuri anormali għadhom problema frekwenti. Pereżempju, sibna diversi eżempji, eż. gūgarelli tal-iskola preprimarja u kotba tal-librerija, fejn id-*data* dwar il-valur tal-kuntratt kien iddaħħal b'mod żbaljat bħala EUR 9 999 999 999.99. Identifikajna wkoll għadd kbir ta' inkonsistenzi fid-*data* dwar l-emendi tal-kuntratt, fil-klassifikazzjoni mhux preċiża tal-kuntratt, u żbalji f'ċerti oqsma (eż. il-kriterju għall-aġġudikazzjoni u l-post).

Nuqqas ta' ftehim dwar l-użu ta' identifikatur uniku fl-UE

75 Fl-aħħar nett, osservajna li ma hemm l-ebda identifikatur uniku komuni għall-fornituri u l-awtoritajiet kontraenti. Dan joħloq ostaklu għall-awtoritajiet kontraenti billi jillimitalhom l-abbiltà li janalizzaw l-akkwisti skont il-fornitur. L-użu ta' identifikatur uniku komuni jkun ta' benefiċċju wkoll għall-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju aħħari, li b'hekk jiffaċilita l-analiżi ta' akkwisti transfruntiera indiretti. Żewġ inizjattivi tal-Kummissjoni jipprovdu mezzi potenzjali biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas (ara l-**Kaxxa 3**). Osservajna li ma hemm l-ebda ftehim bejn l-Istati Membri dwar x'jistax jkun dan l-identifikatur uniku. Opzjoni waħda tista' tkun l-eIDAS, it-taxxa fuq il-valur miżjud jew in-numru EORI.

Kaxxa 3

Inizjattivi tal-UE għal identifikatur uniku għall-fornituri u l-awtoritajiet kontraenti

L-Identifikazzjoni Elettronika u s-Servizzi Fiduċjarji għal Tranżazzjonijiet Elettroniċi (eIDAS)

Ir-Regolament eIDAS huwa intenzjonat li jistabblixi qafas legali komuni fl-Ewropa biex jiffaċilita l-użu tal-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal firem elettroniċi, siġilli, kronogrammi, u servizzi ta' konsenja rreġistrata.

L-eIDAS kienet implimentata fl-2016 biex tissostitwixxi r-regolamenti preċedenti dwar il-firem elettroniċi u l-identità elettronika. L-għan tagħha huwa li ttejjeb il-fiduċja fit-tranżazzjonijiet elettroniċi billi tiżgura l-awtentiċità, l-integrità, il-kunfidenzjalità u n-nonripudju tad-dokumenti u l-messaġġi elettroniċi.

In-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)

In-numru EORI huwa n-numru ta' reġistrazzjoni u identifikazzjoni tal-UE għan-negozji li jimportaw jew jesportaw il-merkanzija ġewwa jew barra mill-UE. Kwalunkwe negozju jew operatur individwali stabbilit fl-UE jeħtieġ li jikseb numru EORI mill-awtorità doganali tiegħu.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kummissjoni ma tipprovdi ħarsa komprensiva u robusta tal-istat tal-akkwist pubbliku

Il-kontenut limitat tat-Tabella ta' Valutazzjoni

76 Ir-rieżami li wettaqna identifika għadd ta' nuqqasijiet fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, ma għandhiex indikaturi speċifiċi f'għadd ta' oqsma:

- **differenzi reġjonali u settorjali:** il-prattiki fl-akkwist pubbliku jvarjaw bejn l-Istati Membri, iżda wkoll fi ħdan l-Istati Membri. Għalhekk huwa importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi speċifiċi għas-settur jew speċifiċi għar-reġjun, ħaġa li ma tagħmilx il-verżjoni attwali tat-Tabella ta' Valutazzjoni. Tali rfinar jista' jiġi introdott, billi l-identifikaturi reġjonali (kodiċijiet NUTS) u l-identifikaturi settorjali (il-kodiċijiet tal-Vokabularju Komuni tal-Akkwist) jinġabru u jiġu rreġistrati fil-bażi ta' *data* TED.
- **L-akkwist transfruntier:** filwaqt li l-iskambji transfruntiera diretti jistgħu jitkejlu, dan għadu mhux possibbli għall-iskambji transfruntiera indiretti). Iżda, minħabba li ma hemm l-ebda identifikatur uniku għall-operaturi ekonomiċi rreġistrat fit-TED, dawn it-tranżazzjonijiet ma jistgħux jiġu identifikati. In-nuqqas ta' tali identifikatur uniku jmur ukoll kontra d-determinazzjoni tas-sjieda benefiċjarja aħħarija, li tkun aspett ewlieni fiż-żieda ta' trasparenza għall-benefiċċju tal-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni.
- **L-akkwist strateġiku:** l-ebda wieħed mit-12-il indikatur attwalment fit-Tabella ta' Valutazzjoni ma jipprovdi informazzjoni ta' monitoraġġ fuq l-aspetti soċjetali, ambjentali jew innovattivi tal-akkwist pubbliku.
- **L-akkwist b'offerta unika:** indikaturi komplementari li jipprovdu fehim approfondit addizzjonali fuq il-livell ta' kompetizzjoni jkunu disponibbli iżda ma jintużawx. L-għadd medju ta' offerenti għal kull lott, u l-għadd medju ta' lottijiet għal kull offerta jkunu utli. Huma jipprovdu informazzjoni dwar l-interess fil-partijiet individwali ta' kuntratt, kif ukoll dwar l-ambitu u l-kumplexità ta' kuntratti li qegħdin jiġu offruti.

- o **informazzjoni dwar proċeduri ta' akkwist iffinanzjati mill-UE:** it-Tabella ta' Valutazzjoni attwalment ma għandhiex indikaturi speċifiċi relatati mal-proċeduri ta' akkwist iffinanzjati mill-UE. L-indikaturi li jkejlu l-effettività u l-effiċjenza ta' dawn il-proċeduri partikolari jistgħu jinkludu l-perċentwal ta' fondi tal-UE allokatu għall-akkwist pubbliku, il-ħin meħud għall-aġġudikazzjoni tal-kuntratti, u r-rispons tal-offerent għas-sejħiet mill-UE. L-inklużjoni ta' dawn l-indikaturi fit-Tabella ta' Valutazzjoni jkunu jippermettu tqabbil tal-prestazzjoni tal-proċeduri nazzjonali u dawk tal-UE u jikkontribwixxu lejn governanza infurmata.
- o **informazzjoni dwar il-proċeduri ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' aġġudikazzjoni mill-awtoritajiet kontraenti:** it-Tabella ta' Valutazzjoni attwalment ma tinkludix informazzjoni dwar il-proċeduri ta' appell immedja minn offerenti telliefa li jikkontestaw id-deċiżjonijiet ta' aġġudikazzjoni fuq proċeduri ta' akkwist li jkunu pparteċipaw fihom, bħall-għadd, it-tul u l-eżitu tagħhom.

77 Barra minn hekk, l-aħħar verżjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni, aġġornata matul l-awditu li wettaqna (Frar 2023), fiha biss erba' snin ta' *data* storika, filwaqt li *data* għal perjodu itwal hija disponibbli u tista' tkun inkluża. Dan jillimita l-possibbiltà li jiġu identifikati xejriet.

Il-bidliet metodoloġiċi mhux dejjem jiġu ddivulgati b'mod trasparenti

78 L-awditu li wettaqna sab ukoll li l-Kummissjoni ma tipprovdix informazzjoni dwar ċerti aspetti metodoloġiċi li fuqhom hija bbażata d-*data* ppreżentata fit-Tabella ta' Valutazzjoni. Pereżempju, la l-metodi użati biex jiġu kkalkulati l-indikaturi u lanqas il-ġustifikazzjoni għas-sollijiet tal-klassifikazzjoni ma jiġu ddivulgati b'mod trasparenti. It-Tabella ta' Valutazzjoni teħtieġ aktar trasparenza f'dan ir-rigward.

79 Il-kontenut tagħha nbidel diversi drabi. Il-Kummissjoni bdiet b'6 indikaturi fl-2014, li żdiedu għal 9 fl-2015, u issa hemm 12 mill-2017 'il hawn. L-aktar verżjoni reċenti maħruġa fl-2023 għandha sezzjoni ġdida jisimha "indikaturi tal-prestazzjoni". Madankollu, dawn l-indikaturi l-ġodda ma jkejlux il-prestazzjoni tal-akkwist pubbliku fis-sens strett tal-kelma, iżda l-aspetti tat-trasparenza.

80 Eżempju ieħor huwa l-indikatur kompost li ntuża sa Frar 2023 għall-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku (ara l-[Anness I](#)). Dan l-indikatur jiġi kkalkulat abbażi ta' 12-il indikatur ieħor fejn l-"offerta unika", "l-ebda sejħa għal offerti" u rati ta' "pubblikazzjoni" ngħataw ponderazzjoni trippla, filwaqt li oħrajn, bħall-parteeċipazzjoni tal-SMEs, ingħataw ponderazzjoni ta' terz. Il-ponderazzjoni hija arbitrarja, u s-sit web la pprova spjegazzjoni tar-raġuni sottostanti, u lanqas ir-raġuni għalfejn ma baqgħetx tintuża.

Huma neqsin karatteristiki avvanzati fir-rappurtar

81 Dgħufija finali fit-Tabella ta' Valutazzjoni hija n-nuqqas ta' karatteristiki avvanzati fir-rappurtar. L-interfaċċa tal-utent ma tipprovdix graffs interattivi, esportazzjonijiet, jew filtri ddefiniti mill-utent, għall-kuntrarju tas-sit web opentender.eu. Dawn il-karatteristiki huma mistennija jiġu inklużi fl-Ispazju li jmiss tad-*Data* tal-Akkwist Pubbliku (PPDS). Dan se jkun portal uniku tad-*data* tal-akkwist pubbliku li l-Kummissjoni beħsiebha tniedi mill-2024 'il quddiem biex tikkomplementa t-TED u t-Tabella ta' Valutazzjoni (ara l-**Kaxxa 4**). Madankollu, l-Istati Membri mhux se jkunu obbligati jikkondividu *data* permezz tal-PPDS.

Kaxxa 4

L-Ispazju tad-*Data* tal-Akkwist Pubbliku (PPDS)

F'komunikazzjoni ppubblikata fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħabret it-tnedija tal-Ispazju tad-*Data* tal-Akkwist Pubbliku (PPDS)²⁰. Din l-infrastruttura ġdida tal-IT hija intenzjonata li tikkonnetti l-bażijiet ta' *data* Ewropej, inkluża l-bażi ta' *data* TED tal-akkwist pubbliku, u s-settijiet ta' *data* tal-akkwist nazzjonali. Il-Kummissjoni se tiskjera b'mod gradwali l-PPDS mill-2023 'il quddiem u tistenna li tkun kompletament operazzjonali sal-2025.

Azzjonijiet limitati meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-ostakli għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku

82 Fl-aħħar nett, eżaminajna l-azzjonijiet li kienet ħadet il-Kummissjoni biex tidentifika u tindirizza l-kawżi bażi tat-tnaqqis fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku mill-2011 'il hawn. Wettaqna wkoll sħarriġ, u intervistajna rappreżentanti tal-awtoritajiet kontraenti u tal-korpi pubbliċi li huma responsabbli mis-superviżjoni tal-akkwist pubbliku biex niksbru l-fehmiet tagħhom dwar l-azzjonijiet li ħadet il-Kummissjoni u l-istat tal-akkwist pubbliku fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

²⁰ Artiklu tal-aħbarijiet minn DG GROW "Public Procurement Data Space: Unlocking the wealth of EU public procurement data in Europe".

Fil-livell tal-UE, tnaqqis tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku ma jittieħdx inkunsiderazzjoni biżżejjed

B'segwitu għar-riforma tal-2014, il-monitoraġġ tal-Kummissjoni ffoka fuq it-traspożizzjoni korretta u f'waqtha tad-direttivi fil-liġi nazzjonali aktar milli fuq aspetti tal-kompetizzjoni

83 Il-fokus primarju tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni kien fuq it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-2014 dwar l-akkwist pubbliku fil-liġi nazzjonali u fuq kwalunkwe azzjoni ta' nfurzar li ttieħdet. L-azzjonijiet l-oħra li ttieħdu mindu daħlu fis-seħħ id-direttivi tal-2014, kienu jikkonsistu mill-ħruġ ta' linji gwida dwar it-twettiq tal-akkwist pubbliku²¹.

84 B'segwitu għall-monitoraġġ li wettqet fuq it-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali, il-Kummissjoni nediet żewġ fażijiet ta' proċeduri ta' ksur²². L-ewwel fażi, f'Diċembru 2016, kienet tikkonċerna t-traspożizzjoni tardiva tad-direttivi minn 15-il Stat Membru²³. It-tieni fażi kienet mifruxa fuq aktar snin u kienet tikkonċerna l-liġijiet nazzjonali ta' 16-il Stat Membru li ma kinux konformi mad-direttivi.

85 Osservajna li matul il-perjodu ta' traspożizzjoni, il-Kummissjoni ma ffukatz biżżejjed fuq inizjattivi biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni li twassal għal żieda fil-kompetizzjoni, il-valur għall-flus u l-effiċjenza. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma użatx b'mod immirat id-*data* disponibbli biex tidentifika l-kawżi bażi tal-kompetizzjoni limitata fl-akkwist pubbliku fl-UE u fl-Istati Membri, u ma nedietx b'mod sistematiku azzjoni ta' mitigazzjoni (ara l-paragrafu 104).

Il-Kummissjoni nediet għadd ta' azzjonijiet kif previsti fl-istrateġija tal-2017 tagħha, iżda ftit jindirizzaw l-ostakli għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku

86 Fit-3 ta' Ottubru 2017, filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri kienu diġà ffinalizzaw it-traspożizzjoni tad-direttiva fil-liġi nazzjonali, il-Kummissjoni ppubblikat strateġija għall-akkwist pubbliku bl-isem "Nagħmlu l-Akkwist Pubbliku jaħdem fl-Ewropa u għaliha"²⁴. L-istrateġija tgħid li l-"akkwist pubbliku jiddependi fuq il-kompetizzjoni miftuħa biex iwassal l-aħjar valur għall-flus tas-settur pubbliku" u rrikonoxxiet li dan il-"proċess kompetittiv jew mhuwiex preżenti jew qed inaqqas

²¹ DG GROW paġna web dwar l-akkwist pubbliku.

²² Is-sit web tal-Kummissjoni dwar il-proċedimenti ta' ksur.

²³ Memo ta' Diċembru 2016 tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ksur.

²⁴ COM(2017) 0572 "Nagħmlu l-Akkwist Pubbliku jaħdem fl-Ewropa u għalih".

fl-intensità”²⁵. F’din l-istrateġija²⁶ il-Kummissjoni ħadet l-impenn li taħdem mal-awtoritajiet tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri, tipprovdi aktar appoġġ biex l-akkwist isir aktar sempliċi u effettiv, u li tagħti segwitu għall-politiki ta’ infurzar tagħha stess.

87 B’mod partikolari, l-istrateġija identifikat sitt oqsma fejn jistgħu jittieħdu azzjonijiet biex jgħinu lill-Istati Membri jiksibu eżiti aħjar mill-proċeduri ta’ akkwist pubbliku tagħhom. Il-biċċa l-kbira mill-proposti għandhom ukoll il-potenzjali li jżidu l-kompetizzjoni (ara l-**Kaxxa 5**).

Kaxxa 5

Azzjonijiet proposti għal eżiti aħjar fl-akkwist

Fl-istrateġija tagħha għall-2019, il-Kummissjoni identifikat is-sitt oqsma li ġejjin li għalihom setgħu jiġu mnedija azzjonijiet sal-aħħar tal-2018:

- Qasam 1: L-iżgurar ta’ użu usa’ tal-akkwist pubbliku strateġiku u l-applikazzjoni ta’ approċċ immirat għal ċerti setturi ta’ prijorità;
- Qasam 2: Il-professjonalizzazzjoni tax-xerrejja tas-settur pubbliku;
- Qasam 3: Titjib fl-aċċess għas-swieq tal-akkwist;
- Qasam 4: Żieda fit-trasparenza u fl-integrità u dejta ta’ kwalità aħjar;
- Qasam 5: L-għoti ta’ spinta lit-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist;
- Qasam 6: Kooperazzjoni biex ikun hemm akkwist aggregat.

88 Minn dakinhar, l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku kienu jinkludu t-tmexxija ta’ gruppi ta’ ħidma fuq suġġetti speċifiċi (bħall-akkwist elettroniku), l-organizzazzjoni ta’ sessjonijiet ta’ taħriġ u l-ħruġ ta’ pubblikazzjonijiet²⁷ dwar il-prattiki fl-akkwist, u suġġetti speċifiċi li jvarjaw mill-akkwist innovattiv għall-ħtiġijiet tal-SMEs fl-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet studji b’kooperazzjoni ma’ konsulenti esterni.

²⁵ Ibid.

²⁶ Ibid.

²⁷ DG GROW paġna web dwar l-akkwist pubbliku.

89 Sibna li ftit kienu ġew ikkompletati azzjonijiet biex jissaħħaħ l-akkwist pubbliku sal-iskadenza tal-2018. Barra minn hekk, sibna li dawn l-azzjonijiet ta' spiss baqgħu frammentati u mhux sistematiċi. Reċentement osservajna adożzjoni sinifikanti tal-attività. B'mod partikolari, għadd ta' proġetti ġew immedija wara l-bidu ta' dan l-awditu, notevolment il-Pjattaforma tal-Komunità tal-Akkwirenti Pubbliċi (ara l-[Kaxxa 6](#)).

Kaxxa 6

“L-Akkwirenti l-Kbar Jaħdmu Flimkien”

Il-proġett²⁸ ġie mniedi mill-Kummissjoni biex jagħti appoġġ lill-kooperazzjoni bejn l-akkwirenti pubbliċi b'kapaċità tal-akkwist kbira u jippromwovi l-użu usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku għal soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli. Billi jaħdmu flimkien u jiġbru r-riżorsi tagħhom, il-bliet, il-korpi ċentrali għall-akkwisti, u akkwirenti pubbliċi kbar oħra jistgħu jimmassimizzaw is-saħħa fuq suq u l-impatt tagħhom. Qed jinħolqu 10 “komunitajiet ta' prattika” fuq din il-pjattaforma, kull waħda ddedikata għax-xiri ta' prodott, xogħol jew servizz speċifiku fejn hija meħtieġa l-kooperazzjoni Ewropea.

Nuqqas ta' attenzjoni mogħtija fil-livell nazzjonali lill-kawżi bażi tal-kompetizzjoni limitata

90 L-istħarriġ u l-intervisti indikaw li l-Istati Membri ffukaw l-attenzjoni tagħhom fil-biċċa l-kbira fuq il-konformità mar-regoli dwar l-akkwist aktar milli fuq il-prestazzjoni. Ir-riżultati tal-istħarriġ li wettaqna jindikaw li s-sensibilizzazzjoni tal-Istati Membri dwar problemi ta' kompetizzjoni kienet limitata. Madwar terz tar-rispondenti għall-istħarriġ tagħna ma kinux jafu bis-sezzjoni dwar il-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku fit-Tabella ta' Valutazzjoni. 61 % tar-rispondenti biss ikkonfermaw li kienu użaw l-indikatur tal-offerta unika, filwaqt li 55 % tar-rispondenti wiegħbu li kienu użaw l-indikatur tal-ebda sejħa għal offerti. 23 % tar-rispondenti qiesu li l-offerta unika għandha rilevanza limitata jew ma kellhom l-ebda opinjoni, filwaqt li 27 % tar-rispondenti ħasbu l-istess dwar l-indikatur tal-ebda sejħa għal offerti.

91 B'mod ġenerali, ftit sibna attivitajiet li użaw l-Istati Membri biex jindirizzaw l-ostakli għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku fuq livell nazzjonali (ara l-[Kaxxa 7](#)). Madankollu, hemm nuqqas kumplessiv ta' sensibilizzazzjoni għall-kompetizzjoni u valur għall-flus. B'mod partikolari, diversi persuni intervistati u nofs ir-rispondenti

²⁸ Sit web dwar il-Komunità ta' Akkwirenti Pubbliċi [website](#) tal-Kummissjoni.

għall-istħarriġ ma pperċepewx it-tfassil tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, u l-impatt tagħhom fuq il-kompetizzjoni, bħala problema, sakemm kienu qed jiġu osservati r-regoli rilevanti.

Matul l-awditu ġew identifikati diversi fatturi li għandhom impatt fuq il-kompetizzjoni

Tfassil xieraq tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku huwa importanti

92 Kriterji tal-għażla jew rekwiżiti tekniċi restrittivi żżejjed jistgħu jillimitaw l-għadd ta' kumpaniji li jistgħu jieħdu sehem fi proċedura ta' akkwist pubbliku jew il-prodotti li jistgħu jinxtraw. Aktar minn 40 % tar-rispondenti tal-istħarriġ tagħna identifikaw kriterji jew rekwiżiti restrittivi bħala raġunijiet li jikkontribwixxu għal offerti uniċi. Fl-istess ħin, madwar terz biss tar-rispondenti jemmnu li dawn l-isfidi japplikaw għal pajjiżhom.

93 L-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi mfassla apposta jistgħu jxekklu l-kompetizzjoni billi jiffavorixxu kumpanija partikolari. Madankollu, xi Stati Membri (id-Danimarka, il-Lussemburgu u l-Polonja) semmew sitwazzjonijiet speċifiċi ta' akkwist, bħax-xiri ta' tagħmir mediku, jew servizzi tat-trasport speċifiċi, li fihom l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati huma rekwiżit ewlieni biex jiġi żgurat akkwist pubbliku effettiv.

Il-konċentrazzjoni tas-suq tirriżulta f'inqas kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku

94 Skont ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, fattur ewlieni ieħor huwa l-konċentrazzjoni tas-suq, jiġifieri l-fatt illi meta hemm biss għadd limitat ta' kumpaniji jikkompetu f'suq speċifiku, il-kompetizzjoni hija baxxa. Dan ġie enfasizzat kemm mir-risposti għall-istħarriġ kif ukoll matul l-intervisti. Kważi nofs ir-rispondenti għall-istħarriġ tagħna qiesu li swieq ekonomiċi ristretti spjegaw parzjalment l-offerta unika, u 45 % ħasbu li dawn is-swieq spjegaw ukoll il-livell għoli ta' kemm il-proċeduri nnegozjati kif ukoll l-aġġudikazzjonijiet li saru fin-nuqqas ta' sejħa għall-offerti.

95 Il-konċentrazzjoni tas-suq tiddependi konsiderevolment fuq is-settur ekonomiku u analiżi settorjali dettaljata tista' tipprovdli fehim approfondit addizzjonali. Mill-Istati Membri intervistati, il-Polonja u l-Ungerija biss bdew studji dwar din il-kwistjoni. Fil-każ tal-Ungerija, l-istudji kienu rikjesti taħt il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u mill-proċedura ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt skattata kontriha. Dawn l-istudji kienu għadhom għaddejjin u għalhekk ma kinux disponibbli fiż-żmien tal-awditu tagħna.

96 Il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar il-konċentrazzjonijiet tas-suq²⁹ li serva bħala bażi għan-Nota Politika tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni³⁰. L-istudju kkonferma xejra dejjem tiżdied fil-konċentrazzjoni tas-suq fis-setturi kollha tal-industrija u tas-servizzi matul il-perjodu eżaminat, li tikkoinċidi ma' xejriet globali simili skont il-pubblikazzjonijiet tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Kapaċità amministrattiva insuffiċjenti jista' jkollha impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku

97 Kif ġie rrapportat fil-paragrafi **48-56** il-proċeduri ta' akkwist pubbliku ma sarux aktar flessibbli jew faċli wara r-riforma tal-2014, il-piż amministrattiv għadu għoli, il-proċeduri għadhom twal, u huwa osservat dewmien fil-pagamenti, li kollha flimkien jiġġeneraw kostijiet għal offerenti potenzjali li jaqbżu dawk imġarrba meta jikkompetu għal kuntratti ta' akkwist fis-settur privat. Il-fehma tal-Kummissjoni hija li l-akkwist pubbliku u l-akkwist fis-settur privat mhumix kumparabbli billi r-rekwiżiti mhumix l-istess, jiġifieri l-akkwist pubbliku mhuwix biss dwar l-infiq pubbliku iżda wkoll dwar il-ħolqien ta' valur għall-pubbliku.

98 Aktar minn nofs ir-rispondenti għall-istħarriġ kienu jemmnu li n-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva jista' jkollha impatt negattiv fuq il-livell ta' kompetizzjoni. Dan l-għadd żdied għal 71 % fil-każ ta' rispondenti li jaħdmu f'pożizzjonijiet amministrattivi. Huma ġibdu l-attenzjoni għal restrizzjonijiet fl-għarfien ġenerali u nuqqas ta' persunal ikkwalifikat biex jipprepara u jwettaq proċeduri li jżidu l-kompetizzjoni. Dwar il-kwistjoni tal-iskambji transfruntiera, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri identifikaw il-ħiliet fil-lingwi bħala ostaklu ewlieni għal kumpaniji barranin biex jitfgħu offerta f'pajjiż ieħor.

99 Ir-rispondenti għall-istħarriġ tagħna ddikjaraw ukoll li l-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti kienet ta' spiss tikkostitwixxi wkoll problema għall-offerenti, partikolarment l-SMEs b'għadd limitat ta' persunal amministrattiv u ftit għarfien prattiku. Il-proċeduri twal u kkumplikati u l-akkwisti intensivi fir-riżorsi mhumix attraenti għall-kumpaniji, speċjalment l-SMEs. Fattur ieħor li jżid il-kumplexità u l-piż amministrattiv, huwa l-varjetà ta' pjattaformi tal-akkwist pubbliku. Dan ukoll

²⁹ Koltay, Gabor u Lorincz, Szabolcs u Valletti, Tommaso M., "Concentration and Competition: Evidence from Europe and Implications for Policy (2022)". CESifo Working Paper No. 9640, disponibbli fuq SSRN: <https://ssrn.com/abstract=4069206>.

³⁰ Il-Kummissjoni, "Competition policy brief: Industry concentration and competition policy", Hara 2021/02, Novembru 2021.

jikkumplika l-kumpilazzjoni ta' *data* kompluta u konsistenti mingħand l-Istati Membri kollha.

100 L-intervisti li wettaqna żvelaw li d-dewmien fil-pagamenti kien perċepit bħala fattur li jnaqqas parzjalment l-attrawenza tal-akkwist pubbliku; dan varja skont il-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' fiduċja fis-settur pubbliku tiegħu, u s-saħħa ekonomika tiegħu. Fl-istess ħin, id-direttivi dwar l-akkwist pubbliku ma jirregolawx id-dewmien fil-pagamenti.

Azzjonijiet ta' mitigazzjoni mifruxa biex inaqqsu l-ostakli għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku

101 Azzjonijiet ta' mitigazzjoni, bħal fir-rigward tal-koordinazzjoni u d-djalogu, kienu limitati. Skambju tal-aħjar prattiki u użu usa' ta' soluzzjonijiet individwali jista' jwassal għal simplifikazzjoni u titjib tal-proċeduri, iżid l-attrawenza tal-kuntratti pubbliċi u b'hekk aktar kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni, fil-kapaċità tagħha ta' superviżur tal-akkwist pubbliku tal-UE, tista' teżerċita rwol ta' koordinazzjoni aktar b'saħħtu. Fl-intervisti li wettaqna, xi Stati Membri qalu li kieku jibbenefikaw minn aktar koordinazzjoni fil-kuntest ta' linji gwida u leġiżlazzjoni, għajr id-direttivi, dwar l-akkwist pubbliku.

102 L-istrateġija tal-2017 (ara l-paragrafu **86**) jipproponi li l-kumitati rilevanti tal-Parlament u tal-Kunsill għall-Kompetittività jistgħu jsiru forum għad-dibattitu politiku li għadu għaddej dwar l-akkwist pubbliku fl-Istati Membri, li jista' jieħu wkoll il-forma ta' djalogu strutturat volontarju allinjat mal-proċess tas-Semestru Ewropew. L-intervisti li wettaqna mal-Istati Membri ma kkonfermawx l-eżistenza ta' xi tip ta' djalogu strutturat.

103 Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tfassal rapporti tal-pajjiż annwali li, fost affarijiet oħra, jivvalutaw il-funzjonament tas-swieq nazzjonali tal-akkwist pubbliku bħala muturi tas-suq uniku. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tista' tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż lill-Kunsill. Madankollu, l-aspett speċifiku tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku ma kienx ċentrali għall-valutazzjonijiet kumplessivi tal-Kummissjoni.

104 Id-*data* disponibbli tkun tippermetti analiżi ulterjuri tal-aspetti ta' prestazzjoni tal-akkwist pubbliku għall-iskopijiet ta' identifikazzjoni tal-kawżi bażi tal-prestazzjoni insuffiċjenti u t-tisħiħ tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni li għandhom l-għan li jrawmu l-offerta kompetittiva. Madankollu, dawn l-analiżijiet għadhom ma twettqux la fil-livell

Ewropew u lanqas fl-Istati Membri. Barra minn hekk, il-ftit azzjonijiet ta' mitigazzjoni li ttieħdu mill-Kummissjoni jew fl-Istati Membri ma tfasslux abbażi ta' analiżi xierqa ta' problemi ta' prestazzjoni identifikati fl-akkwist pubbliku, u ġew immedija b'mod mhux ikkoordinat.

105 Identifikajna inizjattivi għall-professionalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u l-kondiviżjoni ta' għarfien rilevanti fil-livell nazzjonali, pereżempju b'segwitu għal djalogo strutturat mal-Kummissjoni fil-kuntest tan-negozjati tal-RRF (ara l-[Kaxxa 7](#)).

Kaxxa 7

Inizjattivi għall-professionalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku

Fil-Kroazja, twaqqfet sistema ta' ċertifikazzjoni obbligatorja għall-akkwist pubbliku. Il-proċeduri ta' akkwist kollha jridu jsiru minn tim li jkollu mill-inqas membru wieħed iċċertifikat. Iċ-ċertifikazzjoni tingħata wara taħriġ approfondit li jiġi offrut lill-ħaddiema taċ-Ċivil kollha, u li huwa disponibbli wkoll għall-parteciċipanti mis-settur privat.

Il-Polonja tinsab fil-proċess li toħroġ linji gwida dedikati dwar l-ispeċifitàjiet tal-akkwist pubbliku fil-pajjiżi ġirien tagħha. Bis-saħħa tagħhom il-kumpaniji Pollakki jkunu jistgħu jieħdu sehem f'aktar akkwisti pubbliċi barra mill-pajjiż.

Taħt il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) rispettivi tagħhom, diversi Stati Membri (il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Greċja) beħsiebhom jużaw il-finanzjament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex itejbu l-proċeduri amministrattivi tagħhom għall-akkwist pubbliku, eż. billi jiddiġitalizzaw l-akkwist pubbliku, jimmodernizzaw is-sistemi eżistenti, jintroduċu programmi ta' taħriġ, eċċ.

106 Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li ssaħħaħ id-djalogo dwar l-akkwist pubbliku, u DĠ GROW qed jippjana li jniedi inizjattiva ġdida għal kull Stat Membru fl-2023. Din se tkun opportunità għall-Kummissjoni biex teżerċita rwol ta' koordinazzjoni fid-disseminazzjoni tal-aħjar Prattiki fl-akkwist pubbliku identifikati mill-Istati Membri, u tiżviluppa, flimkien magħhom, pjan ta' azzjoni għall-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tal-kawżi bażi tal-prestazzjoni fqira fl-akkwist pubbliku li huwa ffukat fuq iż-żieda fil-kompetizzjoni.

107 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni bdiet tagħti wkoll appoġġ tekniku lill-Istati Membri, permezz tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u s-suċċessur tiegħu, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, biex tgħinhom itejbu s-sistemi ta' akkwist pubbliku tagħhom. Għall-perjodu 2017-2023, il-Kummissjoni qablet li tiffinanzja 32 proġett ta' riforma tal-akkwist pubbliku f'14-il Stat Membru³¹. 11 minn dawn huma kkompletati, 14 għadhom għaddejjin, 1 qed jitħejja u 6 għadhom ma bdewx.

³¹ il-Belġju, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

108 B'mod ġenerali, nikkonkludu li l-livell ta' kompetizzjoni għal kuntratti pubbliċi għat-twassil ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi, naqas matul l-aħħar 10 snin fis-suq uniku tal-UE. Hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kompetizzjoni bħala rekwiżit ewlieni għal akkwisti li joffru l-aħjar valur għall-flus. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma użawx sistematikament id-*data* disponibbli biex jidentifikaw il-kawżi bażi tal-kompetizzjoni limitata fl-akkwist pubbliku, u ħadu biss azzjonijiet mifruxa biex inaqqsu l-ostakli.

109 Fl-2021, tliet indikaturi ewlenin għall-kejl tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku ("l-ebda sejħa għall-offerti", "offerta unika", "għadd ta' offerenti") għadhom mhux sodisfaċenti fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri. L-aġġudikazzjonijiet diretti jirrappreżentaw madwar 16 % tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku kollha fis-suq intern (ara l-paragrafi [31-33](#)).

110 Aktar minn 40 % tal-aġġudikazzjonijiet saru taħt proċeduri li fihom kien hemm biss offerent wieħed. L-analiżi tad-*data* li wettaqna turi wkoll li l-offerta unika fl-Istati Membri tal-EU-27 kważi rduppjat bejn l-2011 u l-2021, u li l-għadd ta' offerenti għal kull proċedura naqas bi kważi n-nofs (ara l-paragrafi [35-36](#)).

111 Differenzi sinifikanti minn Stat Membru għal ieħor u minn reġjun għal ieħor jindikaw li l-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri jieħdu approċċi differenti fil-prattiki tal-akkwist tagħhom. Barra minn hekk, għal dawn l-indikaturi sibna wkoll eteroġeneità fis-setturi ekonomiċi kollha fir-rigward tas-sehem tal-akkwist pubbliku u l-evoluzzjoni tal-indikaturi matul l-aħħar 10 snin (ara l-paragrafi [34](#), [37-39](#)).

112 Analizzajna wkoll aspetti oħra tal-prestazzjoni tal-akkwist pubbliku fis-suq uniku tal-UE, bħall-akkwisti diretti transfruntiera, li għadhom fil-livell limitat ta' 5 % tal-kuntratti ta' akkwist kollha. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' kompetizzjoni jista' jkollu impatt fuq il-prezzijiet tal-akkwist u joħloq kost. Billi l-Kummissjoni ma timmonitorjax id-*data* fuq il-prezzijiet, mhuwiex ċar il-punt sa fejn ix-xejra ta' tnaqqis fil-kompetizzjoni diġà kellu impatt fuq il-kost ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi pubbliċi (ara l-paragrafi [41-46](#)).

113 Ir-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi kienet intenzjonata li l-akkwist pubbliku tagħmlu aktar faċli u flessibbli, iżżid it-trasparenza tal-proċeduri, tiggarantixxi aċċess iżjed faċli għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, u tagħmel użu strateġiku mill-akkwist pubbliku biex tappoġġa l-oġġetti ta' politika tal-UE. L-analiżi tad-*data* li wettaqna wriet li r-riforma li saret fl-2014 għadha ma wasslitx għal xi titjib sinifikanti fil-mod li bih l-awtoritajiet kontraenti imexxu l-akkwist. Fir-rigward tas-simplifikazzjoni, ma sibna l-ebda titjib sinifikanti biex il-kuntratti pubbliċi jkunu aktar attraenti. Id-durata medja tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku żdiedet bin-nofs mill-2011 'il hawn. Inizjattivi bħad-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku u l-formuli elettroniċi jiddimostraw l-isforzi tal-Kummissjoni biex tissimplifika l-proċeduri ta' akkwist pubbliku u tnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat, iżda l-impatt tagħhom għad irid jidher. Sabiex dawn l-inizjattivi jkollhom impatt, jeħtieġ li jiġu adottati minn kulħadd. Dan jeħtieġ l-appoġġ kontinwu tal-Kummissjoni (ara l-paragrafi [48-56](#)).

114 Nikkonkludu wkoll li l-oġġetti l-oħra għadhom ma ġewx issodisfati, billi l-analiżi li wettaqna turi li kemm ir-rati ta' pubblikazzjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju fl-akkwist pubbliku baqgħu mhux sodisfaċenti matul il-perjodu awditjat. Il-promozzjoni tal-akkwist strateġiku bl-għan li tiġi inkoraġġuta kunsiderazzjoni akbar tal-aspetti ambjentali, soċjali jew innovattivi b'mod ġenerali kellha impatt limitat, bis-sehem tal-proċeduri li jużaw il-kriterji tal-aġġudikazzjoni għajr tal-prezz limitat ħafna minkejja r-riforma tal-2014. Uħud mill-oġġetti tar-riforma tal-2014 mhux talli ma jimmirawx l-introduzzjoni tal-kompetizzjoni, talli anzi kultant jostakolawha u l-aspetti differenti tal-prestazzjoni tal-akkwist ma jiġux imkejla (ara l-paragrafi [57-66](#)).

Rakkomandazzjoni 1 – Kjarifika u għoti ta' prijorità lill-oġġetti tal-akkwist pubbliku

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti bidu għal proċess sabiex:

- (a) tifformula u tagħti prijorità lil inqas oġġetti, li jkunu aktar ċari u li jistgħu jitkejlu;
- (b) tirrifletti dwar jekk l-oġġetti ta' politika strateġiċi tal-UE jenħtieġx li jintlaħqu permezz ta':
 - o rekwiżiti strateġiċi għall-proċedura ta' akkwist pubbliku, jew inkella
 - o regolamentazzjoni ulterjuri tal-ispeċifikazzjonijiet għax-xogħolijiet, l-oġġetti u s-servizzi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Nofs l-2025

115 Fir-rigward tal-għodod ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, nikkonkludu li hemm għadd kbir ta' nuqqasijiet li jillimitaw l-utilità tagħhom għall-monitoraġġ tal-istat tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri, ir-regġuni u s-setturi ekonomiċi. Il-kwalità tad-*data* TED tgiebet, iżda l-kompletezza tad-*data* għadha problema kbira. Identifikatur uniku komuni jista' jtejjeb l-utilità tal-bażi ta' *data* TED għall-monitoraġġ. Sibna wkoll li ma tinġabarx id-*data* rilevanti kollha. Billi l-awtoritajiet kontraenti biss huma responsabbli mill-kodifikazzjoni tad-*data* TED, huwa ħafna aktar importanti li jimpenjaw ruħhom u jieħdu ħsieb jiżguraw li d-*data* tal-akkwist tkun kompluta u preċiża. Dan għandu jiġi inkoraġġut u mmonitorjat mill-qrib (ara l-paragrafi [71-75](#)).

Rakkomandazzjoni 2 – Indirizzar tan-nuqqasijiet tad-*data* dwar l-akkwist pubbliku

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tkompli ttejjeb l-affidabbiltà u l-kompletezza tad-*data* TED, notevolment billi tippromwovi l-użu ta' oqsma ta' input fakultattivi u kontrolli integrati fid-dħul tad-*data*;
- (b) tiġbor *data* ta' monitoraġġ addizzjonali rilevanti minn sorsi komplementarji, bħall-Ispazju tad-*Data* tal-Akkwist Pubbliku, biex tibgħat informazzjoni lill-indikaturi tal-monitoraġġ (jenħtieġ li din id-*data* tinkludi identifikaturi uniċi għall-fornituri, is-sjeda benefiċjarji u l-awtoritajiet kontraenti u, fejn possibbli, informazzjoni dwar il-proċeduri ta' appell mill-offerenti telliefa);
- (c) tuża l-Ispazju tad-*Data* tal-Akkwist Pubbliku biex timmonitorja l-kwalità tad-*data* pprovduta mill-formuli elettroniċi u ppubblikata fit-TED;
- (d) teħtieġ li l-Istati Membri, fir-rapporti ta' monitoraġġ tagħhom dwar l-akkwist pubbliku, jipprovdu *data* kompluta u preċiża b'mod konsistenti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025

116 Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-akkwist pubbliku fih biss deskrizzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni fl-akkwist pubbliku. Sibna wkoll li t-Tabella ta' Valutazzjoni jonqosha ċerti indikaturi siewja (prinċipalment minħabba li l-awtoritajiet kontraenti ma jibagħtux id-*data* sottostanti għall-pubblikazzjoni fit-TED) u li ċerti aspetti metodoloġiċi mhumiex divulgati b'mod ċar. Fl-aħħar nett, hija ma tippermettix analiżi xierqa tax-xejriet u ma għandhiex karatteristiki avvanzati tar-rappurtar (ara l-paragrafi [68-70](#) u [76-81](#)).

Rakkomandazzjoni 3 – Aġġornar tal-ġhodod tal-Kummissjoni biex isir monitoraġġ aħjar tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tallinja l-iskop tat-Tabella ta' Valutazzjoni mal-oġġettivi fid-direttivi, b'mod partikolari billi tinkludi indikaturi addizzjonali, eż. relatati mal-akkwist transfruntier u strateġiku;
- (b) turi x-xejriet pluriennali fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri u tas-settur ekonomiku;
- (c) tiddivulga d-definizzjonijiet tal-indikaturi u l-metodi ta' kalkolu tagħha (u kwalunkwe bidla fihom) f'waqthom;
- (d) tintroduċi karatteristiki tar-rappurtar avvanzati li jippermettu esplorazzjoni ulterjuri tad-*data* dwar l-akkwist pubbliku;
- (e) tiddivulga informazzjoni dwar il-proċeduri ta' appell immedija minn offerenti telliefa;
- (f) tinkludi informazzjoni fir-rappurtar tagħha dwar il-kompetizzjoni fl-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi ekonomiċi, ibbażata fuq indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni;
- (g) tesplora modi ġodda kif timmonitorja l-prezzijiet tal-akkwist pubbliku fl-UE u fl-Istati Membri.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025

117 Nikkonkludu li s'issa l-Kummissjoni għadha ma ħaditx inkunsiderazzjoni biżżejjed it-tnaqqis tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. Mill-adozzjoni tad-direttivi tal-2014 'il hawn, il-fokus prinċipali tal-Kummissjoni kienet it-traspożizzjoni tagħhom fil-liġi nazzjonali, u fuq il-konformità mar-regoli, iżda mhux fuq il-monitoraġġ sistematiku tal-prestazzjoni tal-akkwist pubbliku permezz tad-*data* disponibbli. Konsegwentement, il-kawżi bażi tal-prestazzjoni dgħajfa la ġew identifikati u lanqas indirizzati b'mod sistematiku. Skont l-istrateġija tagħha għall-2017, il-Kummissjoni nediet għadd ta' miżuri biex tgħin lill-Istati Membri jiksbu eżiti aħjar fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħhom, iżda f'tit minnhom biss jindirizzaw it-tnaqqis fil-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni implimentat l-istrateġija tagħha għall-2017 bil-mod, u reċentement biss tnediet azzjoni sinifikanti. Il-Kummissjoni ma użatx ukoll il-proċess tas-Semestru Ewropew b'mod effettiv biżżejjed biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar it-tnaqqis fil-kompetizzjoni (ara l-paragrafi [83-89](#), [103](#)).

118 Fil-livell tal-Istati Membri, f'tit sibna inizjattivi biex jiġu identifikati l-kawża bażi tal-kompetizzjoni limitata fl-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, l-Istati Membri ffukaw l-attenzjoni tagħhom fil-biċċa l-kbira fuq il-konformità mar-regoli dwar l-akkwist aktar milli fuq il-prestazzjoni. L-awtoritajiet kontraenti ma pperċepewx it-tfassil tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, u l-impatt tagħhom fuq il-kompetizzjoni, bħala problema, sakemm kienu qed jiġu osservati r-regoli rilevanti.

119 Ix-xogħol tal-awditjar tagħna żvela fatturi importanti li fuqhom huwa bbażat it-tnaqqis fil-kompetizzjoni, bħall-konċentrazzjoni tas-suq u l-attrazzjoni limitata tal-akkwist pubbliku għall-kumpaniji, pereżempju minħabba t-tul tal-proċeduri, kriterji tal-għażla restrittivi żżejjed, speċifikazzjonijiet tekniċi u kapaċità amministrattiva insuffiċjenti. Hija meħtieġa analiżi aktar profonda (ara l-paragrafi [90-100](#)).

120 Fir-rigward tal-koordinazzjoni u d-djalogu, l-azzjonijiet tal-Kummissjoni kienu limitati. Skambju tal-aħjar prattiki u użu usa' ta' soluzzjonijiet individwali jista' jwassal għal simplifikazzjoni u titjib tal-proċeduri u b'hekk għal aktar kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku fi ħdan l-UE. Minħabba l-kapaċità tagħha ta' superviżur tal-akkwist pubbliku fl-UE, il-Kummissjoni tista' teżerċita rwol ta' koordinazzjoni aktar b'saħħtu (ara l-paragrafi [101-107](#)).

Rakkomandazzjoni 4 – Tapprofondixxi l-analiżi tal-kawża bażi u tressaq miżuri biex tegħleb l-ostakli ewlenin għall-kompetizzjoni u tippromwovi l-aħjar prattika

- (a) Abbażi tar-riżultati tal-awditu li wettaqna, u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza aktar fil-profond, il-kawża bażi tal-kompetizzjoni dgħajfa fl-akkwist pubbliku kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, tar-reġjuni u, fejn rilevanti, tas-setturi ekonomiċi.
- (b) Skont l-eżitu ta' din l-analiżi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tressaq miżuri biex tegħleb l-ostakli prinċipali għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, u tindirizza t-tħassib ewlieni tal-awtoritajiet kontraenti, bħal:
 - tnaqqas kwalunkwe piż amministrattiv mhux meħtieġ;
 - tippromwovi l-iżvilupp ta' proċeduri effiċjenti, partikolarment fir-rigward tal-għażla ta' kriterji tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni;
 - issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva;

- trawwem skambji tal-aħjar prattiki;
- tiffaċilita l-akkwist transfruntier billi tiċċentralizza informazzjoni speċifika għall-Istat Membru u tingrana l-intelliġenza artifiċjali biex tegħleb l-ostakli tal-lingwa;
- tagħmel aktar attraenti l-kuntratti pubbliċi għall-kumpaniji, b'mod partikolari għall-SMEs.

Dan jista' jieħu l-forma ta' pjan ta' azzjoni għall-UE kollha.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sra Annemie Turtelboom, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Ottubru 2023.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I – Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni

Indikatur (ponderazzjoni tal-indikaturi sa Frar 2023)	Xi jkejjel
Indikatur kompost	
Il-prestazzjoni fil-akkwist pubbliku	Dan l-indikatur kompost huwa kkalkulat abbażi tat-12-il indikatur imsemmija hawn taħt. Huwa intenzjonat li jipprovdi valutazzjoni kumplessiva tal-istat tal-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni waqfet tippubblika dan l-indikatur kompost u l-ponderazzjoni tal-indikaturi individwali fi Frar 2023.
Indikaturi b'ponderazzjoni trippla	
1: Offerta unika	Il-proporzjon ta' kuntratti aġġudikati fejn ikun hemm biss offerent wieħed.
2: L-ebda sejħa għal offerti	Il-proporzjon ta' proċeduri ta' akkwist li kienu nnegożjati ma' kumpanija fin-nuqqas ta' sejħa għall-offerti.
3: Rata ta' pubblikazzjoni	Il-valur tal-akkwist pubbliku rreklammat fuq TED bħala proporzjon tal-PDG nazzjonali.
Indikaturi b'ponderazzjoni waħda	
4: Akkwist kooperattiv	Il-proporzjon ta' proċeduri tal-akkwist b'aktar minn akkwirent pubbliku wieħed.
5: Kriterji għall-aġġudikazzjoni	Il-proporzjon ta' proċeduri aġġudikati biss minħabba li l-offerta kienet l-aktar waħda baxxa.
6: Rapidità tad-deċiżjoni	Id-durata medja tat-teħid ta' deċiżjoni.
Indikaturi b'ponderazzjoni ta' terz	
7: Kuntratturi SME	Il-proporzjon ta' kuntratturi SME.
8: Offerti SME	Il-proporzjon ta' offerti mingħand SME.

9: Proċeduri maqsuma f'lottijiet	Il-proporzjon ta' offerti maqsuma f'lottijiet.
10: Sejħiet għal offerti neqsin	Il-proporzjon ta' kuntratti aġġudikati b'segwitu għal sejħa għal offerti b'titoli u kundizzjonijiet mhux ċari.
11: Numri ta' reġistrazzjoni tal-bejjiegħ neqsin	Il-proporzjon ta' proċeduri li ma kinux jinkludu n-numru ta' reġistrazzjoni tal-bejjiegħ.
12: Numri ta' reġistrazzjoni tal-akkwirent neqsin	Il-proporzjon ta' proċeduri li ma kinux jinkludu n-numru ta' reġistrazzjoni tal-akkwirent.

Sors: it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku dwar l-akkwist pubbliku.


Anness II – Metodoloġija tal-analiżi tad-*data*

Sorsi ta' *data*

L-analiżi tagħna hija bbażata fuq *data* li ġejja minn żewġ sorsi: data.europa.eu u [Opentender.eu](https://opentender.eu). Iż-żewġ siti web huma bbażati fuq **Tender Electronic Daily (TED)**.

L-awtoritajiet kontraenti jeħtiġilhom jippubblikaw id-*data* għall-offerti kollha li jkunu oġġetti mis-sollijiet tal-UE fit-TED. Din id-*data* tiġi kkodifikata jew direttament fit-TED, jew fis-sistemi nazzjonali, u mbagħad tiġi mtella' awtomatikament fit-TED permezz tal-interfaċċi. Id-*data* TED hija disponibbli għall-pubbliku kuljum fil-format XML. Darba fis-sena, il-Kummissjoni tippubblika wkoll id-*data* TED f'format aktar faċli għall-utent (CSV) fuq is-sit web data.europa.eu: fajl CSV wieħed dwar l-avviżi dwar kuntratt u ieħor dwar l-avviżi ta' aġġudikazzjoni ta' kuntratt. Il-Kummissjoni tipproċessa u tivverifika d-*data* qabel din il-pubblikazzjoni u mbagħad tużaha biex tikkalkula l-indikaturi fit-**Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku** tagħha dwar l-akkwist pubbliku.

Id-*data* TED tiġi ppubblikata wkoll darbtejn fis-sena fuq is-sit web [Opentender.eu](https://opentender.eu), fil-format CSV, iżda d-*data* tiġi pproċessata b'mod differenti fuq data.europa.eu u tkopri d-*data* kollha mill-2011 'il quddiem. [Opentender.eu](https://opentender.eu) jipprovdi pjattaforma faċli għall-utent għall-partijiet ikkonċernati biex jaċċessaw informazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, b'sorsi mit-TED u l-pjattaformi nazzjonali tal-akkwist. Huwa twassal mill-proġett **DIGIWHIST** (l-informatur Diġitali) fl-2018, iffinanzjat mill-programm tal-UE Orizzont 2020 u li kien jinvolvi konsorzju ta' sitt sħab minn ħames Stati Membri, li kellu l-għan li jżid it-trasparenza u l-kompetizzjoni ġusta fl-akkwist pubbliku fl-Ewropa. [Opentender.eu](https://opentender.eu) jipprovdi wkoll sett ta' *data* konsolidat fejn l-avviżi dwar kuntratt u l-avviżi ta' aġġudikazzjoni tal-kuntratt huma rikonċiljati (ara l-**Figura 14**).

Figura 14 – Sorsi ta' *data* tal-Akkwist Pubbliku tal-UE

Formati tad-data:

Fajls XML (*extensible markup language file format*)

Fajls CSV (*comma-separated value file format*)

Sors: il-QEA.

Analiżi tad-*data* u indikaturi kkalkulati

L-analiżi li wettaqna tad-*data* tkopri l-**perjodu 2011-2021**. Hija twettqet abbażi tal-**għadd ta' proċeduri ta' akkwist** u mhux abbażi tal-valur tagħhom, billi d-*data* fuq il-valuri tal-kuntratt ta' spiss tkun nieqsa fit-TED.

Erġajna kkalkulajna l-indikaturi użati fit-Tabella ta' Valutazzjoni, iżda kkalkulajna wkoll **indikaturi addizzjonali**. L-indikaturi kollha huma disponibbli għal kull wieħed mis-**27 Stat Membru**.

L-ewwel nett, ikkalkulajna l-ħames indikaturi relatati ma' **prattiki ta' sejħiet għall-offerti**:

- l-ebda sejħa għal offerti, jew aġġudikazzjoni diretta: perċentwal tal-offerti nnegożjati ma' operatur ekonomiku fin-nuqqas ta' sejħa għal offerti. Dan il-perċentwal ikejjel is-sehem tal-offerti meta l-kompetizzjoni jew hija nieqsa (aġġudikazzjoni diretta lil operatur ekonomiku magħżul minn qabel) jew ristretta (proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni).
- tul tal-perjodu tad-deċiżjoni: għadd medju ta' jiem bejn id-*data* ta' skadenza għall-irċevuta tal-offerti u d-*data* tal-aġġudikazzjoni tal-kuntratt. Perjodi ta' żmien eċċezzjonalment twal jew qosra jistgħu jindikaw problemi potenzjali ta' kompetizzjoni fil-proċedura ta' sejħa għal offerti.
- kriterju għall-aġġudikazzjoni: sehem ta' kuntratti aġġudikati skont il-kriterju tal-prezz biss (l-irħas offerta). Id-dipendenza żejda fuq il-prezz tista' tissuġġerixxi li setgħu ġew applikati kriterji aħjar, biex kien ikun sar akkwist aħjar. Min-naħa l-oħra, kriterju kwalitattiv suġġettiv jista' jintuża f'biex jiffavorixxi rebbieħ magħżul minn qabel.
- tul tal-perjodu reklamati: l-għadd medju ta' jiem bejn il-pubblikazzjoni tal-avviż ta' offerta u d-*data* ta' skadenza għall-irċevuta tal-offerti. Perjodu ta' reklamari qasir wisq jista' jiskoraġġixxi lill-offerenti fil-preparazzjoni ta' offerti adegwati waqt li l-akkwirent jinnotifika minn kmieni b'mod informali lill-offerent favorit dwar l-opportunità. Alternattivament, il-perjodu ta' reklamari jista' jitwal minħabba kontestazzjonijiet legali, li jista' jindika wkoll riskji ta' korruzzjoni.
- tip ta' proċedura mhux miftuħa: sehem ta' kuntratti aġġudikati fejn il-proċedura ta' sejħa għal offerti ma ġietx ippubblikata.

L-aħħar tnejn minn dawn imsemmija hawn fuq mhumiex disponibbli fit-Tabella ta' Valutazzjoni.

It-tieni nett, ikkalkulajna **ħames indikaturi** biex inkejlu l-**livell ta' kompetizzjoni** fl-akkwist pubbliku ("Indikaturi tal-kompetizzjoni"):

- offerti uniċi: sehem tal-akkwist li għalih kien hemm biss offerent wieħed;
- għadd ta' offerenti: l-għadd medju ta' offerenti għal kull lott;
- fornitur lokali: sehem tal-offerent rebbieħ li kien irreġistrat fl-istess reġjun NUTS 2 b'hall-awtorità kontraenti;
- dħul ġdid fis-suq: sehem ta' fornitur f'xi sena, suq jew reġjun partikolari li kien għadu jidħol fis-suq;
- konċentrazzjoni tas-suq: sehem tal-valur tal-kuntratt ta' offerent mill-valur totali tal-kuntratt f'suq, lokalità jew sena partikolari.

Minn dawk imsemmija hawn fuq, l-indikatur tal-offerta unika biss huwa disponibbli fit-Tabella ta' Valutazzjoni.

Fl-analiżi li wettaqna inkludejna wkoll kuntratti pubbliċi aġġudikati permezz ta' proċedura n-negozjata mingħajr pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, sakemm kienu kkodifikati fit-TED. Dawn huma kuntratti li, skont id-direttivi, jistgħu jiġu aġġudikati direttament wara n-negozjati (eż. f'sitwazzjoni ta' monopolju). Dan huwa differenti mill-approċċ li tiegħu l-Kummissjoni għall-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni.

Il-valuri għall-indikatur tal-**offerta unika** kienu kkalkulati fil-**livell reġjonali (NUTS2)** għal **10 setturi ekonomiċi**: il-kostruzzjoni, l-enerġija, is-servizzi ta' inġinerija, is-servizzi finanzjarji, is-servizzi tas-saħħa, it-tagħmir mediku, it-tiswijiet, is-servizzi ta' dranaġġ, it-tagħmir tat-trasport u s-servizzi ta' trasport. Dan il-livell ta' informazzjoni mhuwiex disponibbli fit-Tabella ta' Valutazzjoni.

Il-proċessar tad-data

Twettqu diversi passi ta' pproċessar ta' *data* fuq id-*data* TED sabiex isir il-kalkolu ta' dawn l-indikaturi. B'mod partikolari:

- ambitu tal-offerti: l-indikaturi ma kinux jinkludu konċessjonijiet u offerti għal servizzi soċjali, billi oriġinarjament, ma kinux koperti mid-Direttiva. Għall-ftehimiet qafas hija inkluża biss *data* b'rabta mal-aġġudikazzjonijiet tat-tieni stadju.
- tindif tad-*data*: din tikkonsisti mill-istandardizzazzjoni tal-ismijiet, tipi ta' proċedura u indirizzi, ir-raggruppar ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-istess offerta, il-konverżjoni tal-muniti, u t-tneħħija ta' anomaliji. Il-valuri neqsin jew anormali tal-kuntratti ġew issostitwiti minn valur medju tal-kuntratt.

Mudelli statistiċi

Użajna wkoll żewġ mudelli statistiċi biex nanalizzaw is-sett ta' *data* tagħna għaż-żewġ skopijiet li ġejjin, jiġifieri biex nivvalutaw jekk:

- id-**dħul fis-seħħ tar-riforma li saret fl-2014 tad-direttivi** kellux impatt fuq l-indikaturi li jkejlu l-livell ta' kompetizzjoni ("**Valutazzjoni tad-Direttiva**");
- kienx hemm **korrelazzjoni** bejn il-livell tal-**offerta unika** u l-indikaturi relatati mal-**prattiki ta' sejħa għal offerti** ("**Xenarju ta' politika**").

Nota metodoloġika dettaljata

Nota metodoloġika dettaljata dwar l-analiżi tad-*data* li wettaqna hija aċċessibbli mid-Dashboard dwar l-Akkwist Pubbliku tal-QEA

https://public.tableau.com/app/profile/gti1940/viz/eca_dashboard/Story.


Anness III – Dashboard dwar l-Akkwist Pubbliku tal-QEA– Gwida għall-utent

Fl-oqna **dashboard tal-QEA** għal dan l-awditu, li tippermetti esplorazzjoni interattiva tas-sett ta' *data* tagħna, kif ukoll il-viżwalizzazzjoni tax-xejriet.

Id-dashboard hija maqsuma fi **tmien tabs**:

- **Introduzzjoni**: il-paġna tad-dħul tad-dashboard tal-QEA tiddekrivi fil-qosor l-iskop tagħha;
- **Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni**: kalkolu mill-ġdid tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-perjodu 2011-2021, ibbażat fuq *data* miftuħa tat-TED, disponibbli fuq data.europa.eu. Ix-xejriet f'dawn l-indikaturi matul il-perjodu 2011-2020 huma wkoll viżibbli (ara l-**Figura 15**);

Figura 15 – Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni



Sors: id-dashboard tal-QEA.

- **Indikaturi tal-kompetizzjoni**: indikaturi li jkejlu l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, abbażi ta' *data* miftuħa fuq [Opentender.eu](https://opentender.eu) matul il-perjodu 2011-2021;
- **Kompetizzjoni tal-pajjiż**: analiżi dettaljata ta' *data* relatata mal-indikatur tal-offerta unika, abbażi ta' *data* miftuħa fuq [Opentender.eu](https://opentender.eu) matul il-perjodu 2011-2021;

- **Prattiki ta' sejħa għal offerti:** indikaturi li jkejlu l-prattiki fl-akkwist pubbliku, abbażi ta' *data* miftuħa fuq Opentender.eu matul il-perjodu 2011-2021;
- **Disponibbiltà tad-*data*:** analiżi dettaljata ta' *data* relatata ma' informazzjoni nieqsa;
- **Valutazzjoni tad-Direttiva:** mudell statistiku li juri l-impatt tad-direttivi fuq xi indikaturi;
- **Xenarji ta' politika:** mudell statistiku li jbassar it-tibdiliet tal-impatt fil-prattiki tal-akkwist fuq l-indikatur tal-offerta unika.

Taħt it-tab “**Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni**”, il-karatteristika “**Agħżel l-indikatur**” tippermetti l-għażla ta' wieħed mit-12-il indikatur li ġejjin: offerta unika, l-ebda sejħa għal offerti, rata ta' pubblikazzjoni, akkwist kooperattiv, kriterju għall-aġġudikazzjoni, rapidità tad-deċiżjoni, kuntratturi SME, offerti SME, proċeduri maqsuma f'lottijiet, sejħiet għal offerti neqsin, numru ta' reġistrazzjoni tal-akkwirent nieqes, numru ta' reġistrazzjoni tal-bejjiegħ nieqes, kif ukoll il-punteġġ kompost li kien ikun indikat fit-Tabella ta' Valutazzjoni permezz ta' dawl bi tliet kuluri.

Il-karatteristika “**Agħżel is-sena**” tippermetti l-għażla ta' sena speċifika li turi l-valur tal-indikatur magħżul għal pajjiż speċifiku fuq il-mappa. Meta tmexxi l-mouse fuq il-mappa tkun tista' tara l-ismijiet tal-pajjiżi u l-indikatur tal-valur għall-kamp magħżul.

Il-karatteristika “**Għadd ta' pajjiżi li trid tara**” tippermetti l-għażla tal-għadd ta' pajjiżi li se jidhru fil-klassifikazzjoni tal-pajjiżi. Meta tmexxi l-mouse fuq il-bnadar tkun tista' tara l-ismijiet tal-pajjiżi.

Din id-**dashboard** tal-QEA hija aċċessibbli għall-pubbliku fuq

https://public.tableau.com/app/profile/gti1940/viz/eca_dashboard/Story.

Abbrevjazzjonijiet

DEAU: Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku

DĠ GROW: Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

EORI: Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi

NUTS: Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika

PDG: Prodott domestiku gross

PPDS: Spazju ta' *Data* dwar l-Akkwist Pubbliku

SME: Intrapriża Żgħira u ta' Daqs Medju

TED: Tender Electronic Daily

Glossarju

Akkwist pubbliku: Ix-xiri, minn korp pubbliku jew minn awtorità oħra ta' oġġetti, xogħlijiet, jew servizzi, permezz ta' proċedura miftuħa u kompetittiva, bl-iskop li jinkisbu l-kwalità u l-valur għall-flus.

Akkwist transfruntier: Proċeduri ta' akkwist fejn il-pajjiż ta' oriġini tal-offerent rebbieħ huwa differenti mill-pajjiż ta' oriġini tal-akkwirent.

Analiżi tad-data: Proċess ta' ġbir, immudellar u eżaminar tad-data biex jiġi estratt fehim approfondit li jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet.

Awtoritajiet kontraenti: Entitajiet jew organizzazzjonijiet pubbliċi li huma responsabbli mill-aġġudikazzjoni ta' kuntratti għal oġġetti, servizzi u xogħlijiet.

Bażi ta' data: Sett strutturat ta' data maħżuna elettronikament u disponibbli għall-konsultazzjoni u l-estrazzjoni.

Data: Sett ta' valuri għal varjabbli kwalitattivi jew kwantitattivi, bħal fatti jew kejl, li minnhom tista' tiġi ġġenerata l-informazzjoni.

Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku: Formula standard li fiha l-offerenti jiddikjaraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għal proċedura ta' akkwist pubbliku fl-UE.

Effettività: Kemm intlaħqu l-oġġettivi fil-mira permezz tal-attivitajiet imwettqa.

Effiċjenza: L-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati, l-attivitajiet imwettqa u l-ilħuq tal-oġġettivi.

Eżitu: Bidla immedjata jew fuq żmien itwal, maħsuba jew mhux maħsuba, li tirriżulta minn proġett, bħall-benefiċċji li jirriżultaw minn forza tax-xogħol imħarrġa aħjar.

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, u jiġu ffaċċati l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u diġitali.

Formuli elettroniċi: Sett ta' formuli diġitali standard tal-UE għall-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' offerti, avviżi ta' aġġudikazzjoni ta' kuntratt u informazzjoni oħra dwar l-akkwist.

Frodi: Użu intenzjonat u illegali ta' qerq biex jinkiseb vantaġġ materjali billi parti oħra tiġi mċaħħda minn proprjetà jew flus.

Indikatur: Informazzjoni li tintuża għall-kejl jew għall-valutazzjoni ta' aspett tal-prestazzjoni.

Intrapriżi żgħar u medji: Definizzjoni skont id-daqs, li tiġi applikata għal kumpaniji u għal organizzazzjonijiet oħra, fuq il-bażi tal-għadd ta' impjegati u ta' ċerti kriterji finanzjarji. Intrapriżi żgħar ikollhom inqas minn 50 impjegat, u fatturat jew total tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun. L-intrapriżi ta' daqs medju jkollhom inqas minn 250 impjegat, u fatturat mhux ogħla minn EUR 50 miljun jew total tal-karta tal-bilanċ mhux ogħla minn EUR 43 miljun.

Korruzzjoni: Abbuż ta' poter pubbliku, korporattiv jew personali għal qligħ illeċitu.

Kuntratt qafas: Ftehim wiesa' li skontu jistgħu jiġu konklużi kuntratti aktar speċifiċi.

Monitoraġġ: Osservazzjoni u ċekkjar sistematiku tal-progress, parzjalment permezz ta' indikaturi, lejn l-ilħuq ta' objettiv.

NUTS: Sistema li tikklassifika r-reġjuni tal-UE fi tliet gruppi skont id-daqs tal-popolazzjoni għal skopijiet ta' statistika u tfassil ta' politika reġjonali.

Operatur ekonomiku: Individwu jew entità li jipprovdu prodott jew servizz bi skambju għal pagament.

Orizzont 2020: Il-programm ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

Prestazzjoni: Indikatur ta' kemm azzjoni, proġett jew programm iffinanzjati mill-UE jkun laħqu l-obiettivi tagħhom u ta' kemm jipprovdu valur għall-flus.

Proċedura ta' akkwist miftuħa: Proċedura ta' akkwist pubbliku li fiha jistgħu jipparteċipaw l-offerenti potenzjali kollha.

Proċedura ta' akkwist innegożjata: Proċedura ta' akkwist pubbliku, li tinvolvi għadd ristrett ta' offerenti, li fihom ix-xerrej jista' jinnegożja t-termini tal-kuntratt.

Prodott domestiku gross: Kejl standard tal-ġid ta' pajjiż, ibbażat fuq il-valur totali tal-oġġetti u s-servizzi prodotti hemmhekk (normalment matul sena).

Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż: Gwida annwali li l-Kummissjoni toħroġ, bħala parti mis-Semestru Ewropew, lill-Istati Membri individwali dwar il-politiki makroekonomiċi, baġitarji u strutturali tagħhom.

Regoli ta' implimentazzjoni: Regoli dettaljati li jipprovdu struzzjonijiet dwar kif tapplika leġislazzjoni.

Semestru Ewropew: Ċiklu annwali li jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri tal-UE u għall-monitoraġġ tal-progress.

Sett ta' data: Kwalunkwe ġabra organizzata ta' *data*.

Spazju ta' Data dwar l-Akkwist Pubbliku: Sistema ppjanata fl-Unjoni Ewropea (UE) li għandha l-għan li tikkonnetti diversi bażijiet ta' *data* li għandhom informazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, inkluża *data* TED (Tenders Electronic Daily) u *data* nazzjonali dwar l-akkwist.

Suq uniku: Blokk kummerċjali bbażat fuq il-moviment liberu ta' oġġetti, kapital, servizzi u persuni, li jinkludi l-ekonomiji tas-27 Stat Membru flimkien mal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

Tenders Electronic Daily (TED): Verżjoni online tal-ġurnal uffiċjali Ewropew dwar l-akkwist pubbliku u pjattaforma online li fiha l-avviżi attivi kollha ppubblikati fis-“Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali tal-UE” għal opportunitajiet ta' akkwist pubbliku fl-UE.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2023-28>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2023-28>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li hija twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar bl-għan li dawn iħallu impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi futuri u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla II tal-Awditjar li tispċjalizza f'Investiment għall-koeżjoni, it-tekabbir u l-inklużjoni, u li hija mmexxija minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Helga Berger, Membru tal-QEA, li nġhatat appoġġ minn Silvia Janik, Kap tal-Kabinett, u Franz Ebermann, Attaché tal-Kabinett; Friedemann Zippel, Maniġer Prinċipali; Julia Pilarczyk, Kap tal-Kompitu; Christophe Grosnickel, Mihaela Pavel, u Ioanna Topa, Awdituri. Ioannis Hartoutsios ipprovdha appoġġ għall-awditjar tal-IT. Lukasz Kolodziej ipprovdha appoġġ fl-analiżi tad-*data* u fil-ħolqien ta' dashboard. Marika Meisenzahl u Agnese Balode pprovdew appoġġ grafiku.



Mix-xellug għal-lemin: Ioannis Hartoutsios, Silvia Janik, Friedemann Zippel, Helga Berger, Franz Ebermann, Marika Meisenzahl, Christophe Grosnickel.

DRITT TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-QEA ma jridux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Figuri 1, 5 u 9 – Ikoni: Dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#).

© Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti m'ħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-1223-0	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/454847	QJ-AB-23-027-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-1248-3	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/419014	QJ-AB-23-027-MT-N

L-akkwist pubbliku huwa element ewlieni tas-suq uniku tal-UE. Huwa jgħin lill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri jiksibu l-aħjar valur għall-flus meta jakkwistaw xogħlijiet, oġġetti u servizzi billi jagħżlu l-kumpanija bl-aqwa prestazzjoni. Dan imbagħad jikkontribwixxi biex is-swieq ikunu kompetittivi u jissalvagwardja l-interess pubbliku. Matul l-aħħar għaxar snin sibna li l-kompetizzjoni għall-kuntratti pubbliċi naqset, u li r-riforma tal-2014 tad-direttivi tal-UEma wrietx sinjali li dan it-tnaqqis qed treggħu lura. B'mod ġenerali, hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. Id-data disponibbli ma ntużatx sistematikament biex jiġu identifikati l-kawżi bażi tat-tnaqqis u ttieħdu biss azzjonijiet mifruxa biex jonqsu l-ostakli. Ikkonkludejna li l-għanijiet ewlenin tar-riforma tal-2014 tal-UE biex tiżgura l-kompetizzjoni, bħas-simplifikazzjoni u t-tqassir tal-proċeduri ta' akkwist, ma ġewx issodisfati u li wħud mill-oġġettivi jistgħu anke jnaqqsu l-kompetizzjoni. Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tiċċara u tipprijoritizza l-oġġettivi tal-akkwist pubbliku, tagħlaq il-lakuna fid-data dwar l-akkwist pubbliku miġbura, ittejjeb l-għodod ta' monitoraġġ tagħha biex tippermetti analiżi aħjar; twettaq analiżi aktar approfondita tal-kawża bażi u tippreżenta pjan ta' azzjoni biex tegħleb l-ostakli ewlenin għall-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors